# IV. IZ-ZGHAZAGH QUDDIEM DIN L-ISFIDA

## (A) <u>Nirbhu l-Injuranza</u>

F'dan l-ahhar kapitlu nixtiequ naghmlu ghagna ta' Kelma ta' Alla, esperjenzi u riflessjonijiet li permezz taghhom nuru l-isforz ckejken taghna biex nilqghu l-isfida tas-satanizmu u l-okkult fil-hajja taz-zghazagh u nuru kif nersqu lejn Kristu l-Mulej ghall-fejqan u l-helsien shih taghna.

Jidhrilna li galadarba nixtiequ naffrontaw din l-isfida fid-dawl ta' Kristu, irridu ta' bilfors nibnu d-diskors taghna fuq il-Kelma tieghu fil-Vangeli. Silta li tista' taghtina ftit aktar dawl hija parabbola ta' Gesù li nsibu fil-Vangelu ta' San Mark 4, 1-9; 14-20.

*Gesù beda jghallem hdejn il-bahar, u ngabret madwaru kotra kbira, hekk li kellu jitla' bilqieghda f'dghajsa fuq il-bahar, u n-nies kollha l-art matul ix-xatt. U qaghad ighallimhom hafna hwejjeg bil-parabboli u fit-taghlim tieghu qalilhom: 'Isimghu. Darba kien hemm bidwi u hareg jizra'. Gara li hu u jizra', xi zerrighat waqghu fil-moghdija; gew l-ghasafar u naqqruhom kollha. Ohrajn waqghu f'art kollha blat fejn ma kienx hemm wisq hamrija, u malajr nibtu, ghax il-hamrija ma kenitx fonda; meta mbaghad telghet ix-xemx, nharqu u nixfu, billi ma kellhomx gheruq. Ohrajn waqghu qalb ix-xewk u x-xewk kiber u haraqhom, u frott ma ghamlux. Ohrajn waqghu f'art tajba, u ghamlu l-frott; u l-frott kiber u tkattar, u min ghamel tletin, min sittin, u min mija.' U qal: 'Min ghandu widnejh biex jisma', ha jisma'!'*

Interesanti ninnutaw kif Gesù nnifsu ifisser il-parabbola lid-dixxipli tieghu: *Dak li l-bidwi jizra' hija l-kelma. Dawk ta' matul il-moghdija, fejn inzerghet il-kelma, huma dawk li malli jisimghuh, jersaq ix-xitan u jahtfilhom il-kelma li nzerghet f'qalbhom. Dawk li jinzerghu f'art kollha blat huma dawk li meta jisimghu l-kelma, minnufih jilqugha bil-ferh, imma gheruq ma jkollhomx, u ghalhekk ftit idumu; meta mbaghad jigi fuqhom l-ghawg, jew isibu min ihabbathom minhabba l-kelma, malajr jitfixklu. L-ohrajn li jinzerghu qalb ix-xewk huma dawk li jisimghu l-kelma, izda l-inkwiet zejjed ghall-hwejjeg tad-dinja, ir-rabta mal-gid ta' l-art, u l-gibda ghall-hwejjeg ohra, jidhlu fihom u johonqulhom il-kelma, li ghalhekk ma taghmilx frott. Dawk imbaghad li jinzerghu f'art tajba huma dawk li*

*jisimghu l-kelma, jilqghuha, u jaghmlu l-frott, min tletin, min sittin u min mija.*

Ghandna parabbola cara, sabiha u semplici. Nixtiequ nirriflettu fuqha flimkien biex nippruvaw indawwlu r-rejaltà ta' hafna zghazagh. Nippruvaw inhallu l-Kelma tal-Mulej tinzel fil-mohh u fil-qalb taghna!

L-ewwel haga li tolqotna huwa l-fatt ta' kemm nies kienu jingabru bi hgarhom biex jisimghu l-kelma ta' dan Gesù ta' Nzaret. Veru, hafna kien rawh ifejjaq, jehles lill-persuni mill-ispirti l-hziena, jaghmel il-mirakli; imma veru wkoll li f'dawk il-folol nibtet ukoll ix-xewqa li jisimghu l-kelma ta' l-Imghallem. Kienet mela kelma gdida, kelma li kienet tfarrag, kelma li certament kienet tqanqal l-imhabba. U ghal kelma simili, kienu jingabru l-folol. Min jaf, forsi f'dik il-kelma il-folol kienu sabu xi haga ta' valur kbir, tezor, gawhra li taghti sens lil hajja taghhom.

Gesù ghalhekk joqgod bilqieghda fuq id-dghajsa, dghajsa li mbaghad kellha ssir sinjal tal-Knisja li kellha tkompli l-missjoni ta' taghlim, ta' fejqan u ta' helsien tal-Mulej Gesù. Bilqieghda, fil-pozizzjoni ta' l-Imghallem, Gesù jghaddi l-kelma tal-hajja. Forsi ghalhekk jinsisti: *Isimghu!....Min ghandu widnejh biex jisma', ha jisma'!*

Gesù jinsisti li l-bidwi jizra' l-kelma: il-kelma ta' Alla, mela, hi ghal kulhadd, minnghajr ebda distinzjoni. Ix-xandira tal-bxara t-tajba hija don, don li Alla jaghti bhala sinjal ta' mhabbtu. Hija kelma li tinzera' kontinwament: bis-sagramenti tal-maghmudija, bis-sagramenti kollha, specjalment is-sagrament ta' l-Ewkaristija, is-sagrament tar-Rikonciljazzjoni; hi kelma li tinzera' bis-smigh tal-Kelma ta' Alla, bit-talb, bil-grajjiet kollha ta' hajjitna li permezz taghhom Alla jkellimna, jiffurmana, isaffina, ikabbarna fl-imhabba.

Mela, ghal Gesù, il-Missier hu bidwi: jizra' dejjem, kull hin, f'kull mument. Huwa l-bniedem però li jrid ihejji l-art tal-mohh u tal-qalb tieghu biex jilqa' l-Kelma ta' Alla.

Gesù jghallem: *Dawk ta' matul il-moghdija, fejn inzerghet il-kelma, huma dawk li malli jisimghuha, jersaq ix-xitan u jahtafhielhom minn qalbhom.* Huma dawk li nzerghet fihom il-Kelma, bis-sagrament tal-Maghmudija...imma z-zerriegha giet mahtufa mix-xitan. Kif? Bi trobbija li ftit li xejn kabbret is-sejha nisranija, b'ambjent li ma nissilx id-don ta' l-imhabba, kemm lejn Alla u kemm bejn il-persuni li huma dejjem rifless ta' l-imhabba ta' Alla. Ix-xitan jahtaf iz-zerriega tal-Kelma ta' Alla meta z-zerriega ma tikabbarx bil-katekezi, bit-taghlim u bil-formazzjoni ghall-hajja nisranija fuq kwalunkwe livell tal-personalità tal-bniedem, meta dan li jigi mghallem jigi kontinwament imwaqqa' b'ezempji u atteggjamenti negattivi.

Fix-xbieha tax-xitan li jisraq iz-zerriegha tal-Kelma ta' Alla, insibu twegiba ghall-mistoqsija li spiss issirilna: 'Liema hi l-ikbar manifestazzjoni tax-xitan?' Forsi wiehed jistenna xi twegiba b'rakkuntar ta' xeni ta' barra minn hawn ecc...Le. It-twegiba hi: 'L-ikbar manifestazzjoni tax-xitan hi l-injuranza religjuza, is-superficjalità fil-fidi, l-indifferenza religjuza, fejn b'Alla jew minghajru, xort wahda!. U forsi nazzardaw nghidu li din il-manifestazzjoni tal-hidma tax-xitan hi l-aktar wahda diffuza, kemm fost iz-zghazagh u ... fost kulhadd!

Kif tista' z-zerriegha tal-Kelma ta' Alla tikber f'sigra li taghti l-frott tajjeb (aqra Mattew 7, 15-20) meta il-hafna jikkuntentaw biss bil-katekezi meta konna tfal? Kif tista' fidi ta' livell infantili jkollha sens fis-snin taz-zghozija, fis-snin ta' hajja adulta? Forsi mhux ghalhekk l-abbandun tal-fidi li ma tghid xejn fil-hajja konkreta taz-zaghzugh, ta' l-adult? Forsi mhux ghalhekk it-tfittxija ta' sens fil-hajja biss fil-karriera, fil-flus u fil-hwejjeg li s-sens li jaghtu hu biss temporanju u superficjali? Forsi mhux f'din is-sitwazzjoni ta' indifferenza u superficjalità religjuza li nsibu spiss l-gheruq tat-tfittxija ta' certezzi f'dak li hu esoteriku u f'dak kollu li hu marbut ma' l-okkult? Min jaf, forsi mhux ukoll f'dan id-dawl li nistghu nifhmu kliem Gesù: *Dawk ta' matul il-moghdija, fejn inzerghet il-kelma, huma dawk li malli jisimghuha, jersaq ix-xitan u jahtfilhom il-kelma li nzerghet f'qalbhom?*

Il-parabbola titkompla titfisser mill-Mulej hekk: *Dawk li jinzerghu f'art kollha blat huma dawk li meta jisimghu l-Kelma, minnufih jilqguha bil-ferh, imma gheruq ma jkollhomx, u ghalhekk ftit idumu; meta mbaghad jigi fuqhom l-ghawg, jew isibu min ihabbathom minhabba l-kelma, malajr jitfixklu.* Iva, forsi nilqghu l-kelma li tinzera' fina bil-ferh...imma ma nhallux l-gheruq jikber; ghal darb'ohra inhabbtu wiccna man-nuqqas ta' taghlim, ma' nuqqas ta' formazzjoni genwina fil-hajja nisranija; meta l-ghixien tad-don tat-talb, l-ghixien tas-sagramenti, specjalment l-Ewkaristija u r-Rikonciljazzjoni, huma superficjali, spiss vojt ghax frott rutina li difficilment nispjegaw ir-raguni li fl-ahhar mill-ahhar nghixu. U meta nikkuntentaw ruhna li nghixu f'ambjent ta' tradizzjoni u kultura religjuza, f'ambjent ta' simboli u espressjonijiet religjuzi, imma li ma jwassluniex inkabbru l-geruq...ma jwassluniex ghall-fidi li hi relazzjoni hajja ma' Alla, rabta intima mieghu u mar-rieda tieghu li verament taghti sens lill-hajja... *u meta jigi l-ghawg*: u meta naffrontaw l-esperjenzi tal-fallimenti personali taghna, meta jigi l-ghawg tal-mard u l-esperjenza tal-mewt, meta nghixu esperjenzi iebsin u negattivi u naslu nahsbu li anke f'dawk il-mumenti Alla ma jimpurtahx minna; meta naghmlu esperjenza tal-limiti u tad-dghufija taghna, meta jitkissru l-hbiberiji u r-relazzjonijiet affettivi taghna, meta t-

tkissir u l-mibeghda isaltnu fil-familji taghna, meta naghmlu esperjenza tal-hsara li haddiehor jaghmlilna, meta difficilment naghmlu esperjenza ta' mhabba, meta nidhlu taht il-qawwa tal-mibgheda...

*Jew isibu min ihabbathom minhabba l-Kelma, malajr jitfixklu...:* meta jsir impossibli nkunu differenti minn haddiehor f'gieh il-kelma mizrugha fina, meta hu aktar facli tagixxi, tiddeciedi u taghmel 'ghax kulhadd hekk jaghmel'. Meta hu ahjar tingarr mill-moviment li jezalta z-zeblih ta' Alla u tal-persuni, bid-dagha, bl-indifferenza religjuza, bis-serq, il-qerq u l-korruzzjoni, bis-sesswalità bla razan u bla direzzjoni, meta l-mibgheda ssaltan u tbieghed l-imhabba, meta aktar facli nezaltaw l-egoizmu fuq l-altruwizmu, il-harba mir-rejaltà bix-xorb u d-droga flok il-kurragg li naffrontaw ir-rejaltà tal-hajja taghna...

*L-ohrajn li jinzerghu qalb ix-xewk huma dawk li jisimghu l-kelma, izda l-inkwiet zejjed ghall-hwejjeg tad-dinja, ir-rabta mal-gid ta' l-art, u l-gibda ghall-hwejjeg ohra, jidhlu fihom u johonqulhom il-kelma li ghalhekk ma taghmilx frott.* Meta, iva, nilqghu l-Kelma, imma nohonquha bl-atteggjamenti taghna: meta l-kilba ghall-flus biex ikollna kollox u l-ahjar isir il-principju ta' hajjitna, akkost ta' kollox; meta nezaltaw ir-rabta taghna ma' hwejjeg u ma' persuni u naghalqu qalbna ghal kollox, filwaqt li ndejqu l-orizzonti tal-hajja taghna; meta r-reghba, is-senswalità u l-awto-affermazzjoni isiru l-principji li jmexxu hajjitna; meta d-dnub, il-blockages taghna - affettivi, emozzjonali, psikologici ecc - jikbru tant li jsiru dominanti fil-hajja taghna; meta rabtiet negattivi jinfluwenzaw kontinwament mohhna u r-rieda taghna...allura kemm hu aktar facli li *nohonqu l-kelma*, li mbaghad hu ovvju li ma taghmilx frott.

*Dawk imbaghad li jinzerghu f'art tajba huma dawk li jisimghu l-kelma, jilqghuha, u jaghmlu l-frott, min tletin, min sittin u min mija.* Forsi hawnhekk ghandna l-atteggjament - zaghzugh u mhux - ta' min jilqa' l-Kelma li jhalliha taghmel il-frott. Ta' min jikber fil-fidi tieghu, ta' min jiddubita, iva, imma ta' min jiddubita biex jinza' ftit, ftit, fidi infantili biex inissel fidi zaghzugha u hajja. Fidi li li hi tfittxija tal-prezenza vera ta' Alla ta' Gesù Kristu, fit-taghlim, fil-formazzjoni ghal mixja ta' hajja nisranija. Fidi li tilqa' l-isfida ta' hajja ta' talb vera, imgedda; fidi li tfittex il-genwinità tas-sbuhija tas-sagramenti, specjalment il-qawwa ta' l-ghageb tas-sagrament ta' Ewkaristija u tar-Rikonciljazzjoni, fidi li tfisser tilqa' r-rejaltà proprja - pozittiva u negattiva -, fidi li tisfida gall-ftuh tal-hajja fil-livelli kollha ghall-presenza ta' Alla l-veru u ghall-prezenza tal-persuni l-ohra, qrib u mhumiex. Hi fidi li tfisser zerriegha li tikber u taghmel il-frott. Hi fidi li taghti sens lill-hajja, fidi li taghti skop u direzzjoni. Hi fidi li necessarjament issir ahbar tajba, mixja ta' fejqan u helsien.

L-atteggjamenti l-ohra, xorta wahda jaghtu l-frott, il-frott ta' l-egoizmu, kif jistqarr Pawlu fl-Ittra tieghu lill-Galatin 5, 16-21: *zina, fahx, nuqqas ta' razan, idolatrija, seher, mibeghda, glied, ghira, korla, ambizzjoni, firda, partiti, invidja, sokor, tbahrid.* Min jilqa' l-Kelma u jhalliha tikber, jaghmel il-frott, il-frott ta' l-Ispirtu, kif insibu fl-istess ittra lill-Galatin 5, 22-23: *l-imhabba, l-hena, is-sliem, is-sabar, il-hniena, il-fidi.* Huma zewg atteggjamenti ta' hajja li huma kontra xulxin.

It-theggiga ta' Pawlu lill-Efesin 4, 17 - 5,20, tista' tkun sintesi tajba ta' dak li l-Mulej ikun jista' qed iwasslilna bil-parabbola tieghu. Pawlu juri d-differenza li hemm bejn dik li hu jsejjah il-hajja l-gdida u l-qadima. Imma ha jitkellem hu!

*Jiena dan nghidilkom u nwissikom quddiem il-Mulej, li ma ggibux izjed ruhkom skond ma jgibu ruhhom il-pagni bil-bluha ta' mohhhom. Il-fehma taghhom hi mdallma, maqtugha mill-hajja ta' Alla minhabba l-injuranza li ghandhom u l-ebusija ta' qalbhom. Huma tilfu kull sentiment u ntelqu ghal hajja bla razan, ghal kull xorta ta' zina bla xaba'. Imma intom mhux hekk tghallimtu 'l Kristu - jekk intom smajtuh u tghallimtuh skond il-verità li hi f'Gesù - jigifieri, li ghandkom twarrbu l-hajja taghkom ta' qabel u tinzghu l-bniedem il-qadim, mhassar bix-xewqat tal-pjaciri qarrieqa, u li ghandkom tiggeddu b'tibdila spiritwali tal-fehma taghkom u tilbsu l-bniedem il-gdid, mahluq skond Alla, fil-gustizzja u l-qdusija tassew.*

*Warrbu minnkom il-gideb u ghidu l-verità wiehed lill-iehor, ghax ahna membri ta' xulxin. Tinkurlaw? Imma tidinbux; thallux ix-xemx tghib fuq il-korla taghkom u taghtux wisa' lix-xitan. Iqis il-halliel li ma jisraqx aktar; imma jahdem bl-onestà b'idejh biex ikun jista' jghin lil min ikun fil-bzonn. Ebda kelma mhux xierqa m'ghandha tohrog minn fommkom, imma kliem sewwa li jedifika skond il-htiega, kliem li jaghmel il-gid lil min jisimghu. U tnikktux l-Ispirtu s-Santu ta' Alla, li fih intom issiggillati ghal jum il-fidwa. Mrar, sahna, korla, taghjir, ghajat, dan kollu warrbuh minnkom, u wkoll kull hazen iehor. Kunu twajba ma' xulxin, hennu ghal xulxin, ahfru lil xulxin, bhalma Alla hafer lilkom fi Kristu.*

*Kunu, mela, tixbhu lil Alla, bhala wlied mahbuba, u imxu fl-imhabba, bhalma Kristu wkoll habb lilna u ta lilu nnifsu ghalina, offerta u sagrificcju jfuhu quddiem Alla. Zina u kull xorta ta' fahx jew reghba, ebda wahda minnhom ma ghandha biss tissemma fostkom, kif jixraq lill-qaddisin. U anqas kliem baxx u kliem iblah, jew cajt mhux sewwa, kollha hwejjeg li ma jixirqux; imma aktar ghandu jkun hemm fostkom radd il-hajr. Ghax dan kunu afu; li ebda zieni jew fahxi jew rghib - li hu idolatra - ma jkollu wirt fis-Saltna ta' Kristu u ta' Alla.*

*Thallu lil hadd iqarraq bikom bi kliem fieragh, ghaliex minhabba f'hekk tinzel il-korla ta' Alla fuq dawk li ma jisimghux. Mela tissiehbu qatt maghhom! Intom kontu darba dlam, imma issa intom dawl fil-Mulej; ghixu ta' wlied id-dawl li intom; frott id-dawl jinsab f'kull ma hu tjieba, f'kull ma hu gustizzja, f'kull ma hu verità. Fittxu li taghrfu dak li joghgob lill-Mulej, u tissehbux f'ghemejjel tad-dlam bla frott, imma ikxfuhom fil-berah. Ghax dak li qeghdin jaghmlu huma fil-mohbi, tisthi mqar jekk issemmih; imma meta wiehed johroghom fil-berah, id-dawl juri kollox, ghax kull ma jidher hu dawl; ghalhekk jinghad: 'Stenbah int, li int rieqed, u qum mill-imwiet, ha jiddi fuqek Kristu.'*

*Qisu sewwa kif iggibu ruhkom, mhux bhal nies bla dehem, izda bhal nies ghorrief, li jghozzu z-zmien, ghaliex hziena huma l-jiem. Ghalhekk tkunux bla ghaqal, imma fittxu x'inhi r-rieda tal-Mulej. U tiskrux bl-inbid, li fih hemm hajja bla lgiem, izda imtlew bl-Ispirtu. Kantaw flimkien salmi, innijiet u ghana spiritwali; kantaw u ghannu minn qalbkom lill-Mulej. Roddu dejjem hajr ghal kollox lil Alla u l-Missier f'isem Sidna Gesù Kristu.*

Fi ftit kliem nistghu naghalqu din ir-riflessjoni: nirbhu l-injuranza! L-injuranza religjuza li twassal ghal religjozità individwalistika, ghall-atteggjamenti li huma aktar tahwid morali u etiku aktar mit-tiftix ghall-verità li tehlisna. Anke fil-kamp tas-satanizmu u l-okkult, fil-kamp ta' movimenti dubbjuzi, hemm bzonn li nirbhu l-injuranza. Ghalhekk il-bzonn ta' zewg affarijiet: taghlim/informazzjoni mghoddija fid-dawl tal-verità li hu Kristu; u hafna hafna mhabba f'li naghtu hin u widen liz-zghazagh li jridu jifthu qalbhom, li jridu jaqsmu bizghat, id-dghufija, il-fallimenti, ix-xewqat taghhom, il-mixja taghhom maghna!

## (B) <u>Ghaliex?</u>

Nibqghu fl-ambitu tas-satanizmu u l-okkult. Spiss isaqsuna - u spiss ukoll insaqsu lilna nfusna - ghaliex hemm xi zghazagh li jinvolvu ruhhom fis-satanizmu? Ghaliex il-popolarità tal-fortune-tellers, ta' min jaqra l-karti, ta' min jaqra l-palma ta' l-id fost iz-zghazagh? Ghaliex ir-rikors ta' numru ta' zghazagh lis-shahar biex jippruvaw 'jirrimedjaw' sitwazzjoni, kemm ghat-tajjeb u kemm ghal hazin? Ghaliex il-ouija board hi daqshekk popolari fost iz-zghazagh?

Cert, mhuwiex daqshekk facli taghti twegiba gal dawn il-mistoqsijiet kollha. Nippruvaw naghtu twegiba ibbazata fuq l-esperjenza taghna f'dan il-qasam.

Meta nitkellmu fuq is-setet satanici u nistaqsu ghaliex wiehed jissieheb maghhom, nistghu nitkellmu minn diversi motivazzjonijiet: hemm min jaghmel esperjenza ta' rit sataniku ghax imhajjar min haddiehor jew forsi frott kurzità 'zaghzugha'; dak li jaqbez kull limitu jista' wkoll iqanqal il-kurzità u x-xewqa ta' 'avventura' - jekk tista' ssejhilha avventura! Ix-xitan jinqeda anke bil-kurzità biex ihajjar u jorbot mieghu! L-esperjenza, anke jekk ghal darba, ta' rit sataniku li jinkludi fih 'talb' lix-xitan, orgja sesswali, l-uzu ta' droga ecc, cert illi ma thalli lil hadd indifferenti...anke jekk minnghalina ahna taz-zonqor!

Hemm min jilludi ruhu li ha jsib 'sense of belonging' f'cirku ta' 'hbieb' li xogholhom hu li jaduraw lil Satana...forsi wkoll 'sense of belonging' li gie michud lilhom jew li ma sabux la fil-familja taghhom u lanqas fl-iskola jew f'cirku normali ta' hbieb.

Jinghad li wiehed jinghaqad ma' grupp sataniku biex ikollu kollox f'dak li ghandu x'jaqsam ma' flus, sess u poter. Cert li jkollok flus...jekk is-satanizmu izarma l-kuxjenza morali u jwassal ghall-qerq, ghall-korruzzjoni, ghas-serq, gat-tgawdija ta' flus li jigu wkoll ma' attivitajiet li jistghu jkunu marbutin ma' grupp sataniku: bejg u traffikar ta' droga, pornografija, prostituzzjoni ecc. Cert li jkollok sess...dik li hi fl-ahhar mill-ahhar il-qima lix-xitan: iz-zeblih tal-gisem, bi kwalunkwe mod u manjiera...biex inessi lill-bniedem li fl-ahhar mill-ahhar hu maghmul fuq ix-xbiha u s-sura ta' Alla, hu tempju ta' l-Ispirtu Qaddis ta' Alla! Poter? Iva, imma poter li tinzel fl-gheruq tal-mibeghda u tkun kapaci tobghod, poter li b'kuxjenza zarmata tkisser u zzarma dik ta' haddiehor...u ghal ftit li jista' jaghti x-xitan...trid taghtih kollox, 'tbigh ruhek' kif kienu jghidu l-antiki!

Ghaliex il-popolarità tal-fortune-tellers u ta' min jghid li jaqra l-futur fil-karti, fuq il-palma ta' l-id...il-popolarità ta' l-oroskopu. Veru, drabi tkun is-semplici kurzità. Spiss hi l-inkapacità li wiehed jaccetta s-sbuhija li tipprova tibni l-futur tieghek b'impenn, bir-rieda tieghek, anzi bir-rieda hielsa tieghek. Din l-inkapacità, din il-biza' li wiehed jafda f'Alla u fil-kapacitajiet moghtija lilna minn Alla biex nibnu l-futur - ir-raguni u r-rieda hielsa -, twassal lil hafna biex jafdaw il-bizghat taghhom lil min jaqra x-xorti...u min hu b'xortih jisma' messagg pozittiv!

X'isaqsu? 'Ha nghaddi mill-ezamijiet? Ser insib xoghol? Il-guvni tajjeb ghalija? It-tfajla tajba ghalija? Qed jaqlibhieli? Ghaliex kollox sejjer hazin fil-hajja...' U t-twegibiet ivarjaw: spiss 'ghax gamlulek maghmul, ghax ghandek sahta, ghax ghamlulek ghajn...dak mhux tajjeb ghalik...'

U jista' jkun li l-oroskopu jaf il-futur ta' kull min jaqrah...jew ta' min jixtri magazine...u z-zghazagh ikomplu jizburzjaw in-naqra flus li ghandhom...biex ihallsu ghall-konsultazzjoni, biex ihallsu ghax-xiri ta'

amuleti u ta' gebel u ta' misturi u tahlit...li suppost ibieghdu l-ghajn, il-maghmul, is-sahta, li suppost jorbot in-namrati. U dan minghajr ma nitkellmu minn min ihallas somom kbar biex inehhi dan it-tip ta' negattività...u min ihallas somom kbar biex jaghmel in-negattiv lil haddiehor; hi l-mibeghda li trid tpatti, li trid taghmel id-deni, il-'mahbubin' ittraduti li jixtiequ jorbtu lil partner li hallihom. Allura l-bzonn tas-shahar li jinvokaw lill-qawwiet tal-hazen biex dan isehh! F'dal-kaz m'ghandniex il-kurzità bhala motivazzjoni, u lanqas il-biza' mir-rejaltà xi kultant iebsa tal-hajja, imma bhala motivazzjoni nsibu l-mibeghda, l-antipatija, 'l-imhabba' possessiva, ix-xewqa li wiehed ikisser jew jimmanipola lil haddiehor. U spiss wiehed jispicca biex isib ruhu mhux biss ilsir ta' dawn is-sentimenti imma lsir ta' rabta negattiva mas-shahar...li huma wkoll huma marbutin...mal-qawwiet tal-hazen.

Anke meta nigu biex nitkellmu u nsaqsu 'l ghaliex tal-popolarità tal-ouija board, nitkellmu mill-kurzità ghal din il-haga li spiss tissejjah 'loghba'. Kurzità u xewqa ta' esperjenza ta' barra minn hawn, xewqa li wiehed ikun jaf affarijiet mistura, xewqa li wiehed ikun jaf il-futur tieghu, specjalment f'dawk l-affarijiet li l-aktar jolqtuna: l-istudju, ix-xoghol, il-gwadann materjali, ir-relazzjonijiet affettivi taghna...

Imma, bhal fil-kaz tal-fortune tellers: ghaliex il-biza' mir-rejaltà tal-hajja, mill-isfidi zghar u kbar taz-zghozija? Ghaliex naslu inqieghdu fil-genb ir-raguni u r-rieda hielsa taghna fil-genb...u b'hekk nuru anke l-isfiducja taghna f'Alla Hallieq? U dan fuq livell uman - meta spiss 'il-loghba' tal-ouija board tibqa' biss frott il-mohh li jipprojetta fuq oggett materjali l-bizghat taghna. U fuq livell spiritwali? Meta l-ouija board issir spiritizmu - kuntatt ma' spirtu, li minkejja l-maskra pozittiva li jilbes, huwa dejjem spirtu negattiv....li johloq rabtiet negattivi, bizghat, dwejjaq ecc?

Forsi ta' min jerga' jtenni: jehtiegu informazzjoni u formazzjoni dejjem aktar kwalifikata - fuq livell uman u anke fuq livell ta' hajja nisranija. Biex jikber l-gharfien, biex tikber il-kapacità li wiehed jibni l-futur tieghu b'responsabilità, biex tikber il-maturità li ssahhah decizjonijiet tajbin...biex tikber il-fidi f'Alla prezenti, f'Alla haj, f'Alla li hu l-principju ta' l-imhabba, tal-fejqan, tal-helsien, f'Alla li kapaci jaghti sens lill-hajja...fuqkollox dik taz-zghazagh! Biex jikber fl-gharfien ta' Kristu, sinjal konkret ta' l-imhabba ta' Alla, li hu Haj, li jaf u jaghder in-natura dghajfa taghna, li kapaci jahfer fil-prezent, li kapaci jfejjaq u jehles fil-prezent, ifejjaq u jehles mill-biza', mill-qtigh il-qalb, mill-kultura vojta tal-pjacir bla razan, li kapaci jfejjaq mill-harba mir-rejaltà u mill-isfidi taz-zghozija li jidhru fl-indifferenza, fl-egoizmu, fl-abbuz ta' l-alkohol u d-droga, li kapaci

jfejjaq il-griehi affettivi taghna. FiH biss hi t-tama taghna! U min isejjah ismu jkun salv!

## (C) Il-htiega li nkunu mahkuma mill-Ispirtu!

Fil-kuntest tad-diskors li qed naghmlu f'dan il-kapitlu, inhossu l-bzonn li nistqarru b'sahha li f'dan kollu tohrog il-htiega li niftakru li ahna li nemmnu f'Gesù diga 'mahkuma' minn spirtu. Mhux spirtu negattiv, lanqas spirtu kwalunkwe, imma mill-Ispirtu Qaddis ta' Alla, don ta' Kristu Rxoxt, Spirtu li fl-ahhar mill-ahhar, Hu l-Mulej li jaghti l-hajja!

Hu Kristu nnifsu li jghallimna nitolbu lill-Missier l-aktar haga 'straordinarja'; jghallimna nitolbu dik li hi l-itjeb haga, l-Ispirtu s-Santu. Meta jghallimna nitolbu, Gesù hekk jistqarr: *Mela jekk intom, nies hziena bhalkom, tafu taghtu lil uliedkom hwejjeg tajba, kemm aktar il-Missier tas-smewwiet jaghti Spirtu Qaddis lil dawk li jitolbuhulu!* (Luqa 11, 11).

L-Ispirtu s-Santu jigi moghti lilna bis-sagrament tal-Maghmudija u bis-sagrament tal-Grizma ta' l-Isqof. L-Ispirtu jissahhah fina ta' kull darba li nisimghu l-Kelma ta' Alla, kull darba li nitolbuh, jissawwab fina bil-qawwa tal-mahfra fis-sagrament tar-Rikonciljazzjoni...u ghalhekk nistaqsu: ghaliex ghandna bzonn nitolbu l-Ispirtu s-Santu - anke bhala zghazagh - jekk diga qieghed fina?

Forsi ahjar jekk nistaqsu: imma nistghu nghidu li ahna verament 'mahkuma' mill-Ispirtu s-Santu? Fhiex ahna differenti - bl-Ispirtu s-Santu - minn ohrajn? Veru li spiss ahna ngibu ruhna bhal kulhadd, nahsbu bhal kulhadd, niddeciedu bhal kulhadd ...b'mod kwazi indifferenti u spiss tant 'il boghod mill-prezenza ta' l-Ispirtu li suppost qieghed fina.

Forsi hu proprju ghalhekk li Gesù jghallimna nitolbu kontinwament lill-Missier id-don ta' l-Ispirtu s-Santu. Nitolbu biex ninfethu aktar u nkunu konxji ta' l-Ispirtu Qaddis ta' Alla li jghix fina; nitolbu biex inhallu l-Ispirtu jmexxina, biex nitghallmu nobdu lill-Ispirtu u nhalluh jitlob u jagixxi fina.

F'dan kollu, ahna responsabbli ta' dan id-don ta' l-ghageb ta' Alla: fil-fatt f'idejna ninfethux jew ninghalqux ghad-don ta' l-Ispirtu s-Santu; f'idejna nhalluhx jahdem fil-mohh, fil-qalb u fid-decizjonijiet taghna...jew nohonquhx ghal kollox!

Kristu jaghtina l-mezz biex nghidu iva jew le ghall-'hakma' ta' l-Ispirtu s-Santu: it-talb. It-talb ghal dan id-don ta' l-ghageb li nitolbu lill-Missier f'isem Gesù. It-talb li jista' jsir f'kull zmien, f'kull hin, f'kull sitwazzjoni.

Li wiehed jitlob l-Ispirtu jfisser li qed jitlob ghal kollox: l-umiltà, l-imhabba, id-don tat-talb, tal-fidi. L-Ispirtu, jekk mitlub, jitlob fina u jidhol ghalina f'kull mument: f'mumenti ta' dubju, taqlib, telqa, dghufija, fit-tigrib, fil-mard, fil-qtigh ta' qalb ecc. *Kemm aktar il-Missier jaghti Spirtu Qaddis lil dawk li jitolbuhulu.*

<u>EJJA SPIRTU S-SANTU!</u>

Missier Qaddis, f'isem Ibnek Gesù,
ahna nemmnu
fl-Ispirtu s-Santu, Mulej li jaghti l-hajja:
Hu gej minnek u mill-Iben
u huwa meqjum u mweggah flimkien
mieghek u ma' Ibnek,
hu li tkellem b'fomm il-profeti.

Missier Qaddis
il-Kelma tieghek u l-Ispirtu tieghek
kienu fil-bidu tal-holqien.
Int sawwart ma' Ibnek u ma' l-Ispirtu
lill-bniedem;
bil-qawwa ta' l-Ispirtu fassaltu
fuq is-sura u x-xbieha tieghek
biex dak kollu li jidher ikollu s-sura tieghek, Missier.

Bil-qawwa ta' l-Ispirtu tieghek, Missier Qaddis,
int ghamilt il-weghda lil Abraham
biex permezz tieghu taghti bidu ghall-Pjan tas-Salvazzjoni
biex issalva l-bniedem bil-qawwa ta' l-Iben
u terga' taghtina l-hajja permezz ta' l-Ispirtu Qaddis tieghek.
Kontra kull tama tal-bniedem,
Inti weghedt nisel lil Abraham,
nisel li kellu jkun frott il-fidi u l-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu.
F'dan in-nisel, Kristu,
jitbierku l-gnus kollha ta' art.
Bil-qawwa ta' l-Ispirtu, dan in-nisel li hu Kristu,
gabar f'gemgha wahda l-ulied ta' Alla li kienu mxerrdin.

Bil-qawwa ta' l-Ispirtu tieghek,
Missier Qaddis,

Inti mexxejt il-poplu tieghek.
Bil-qawwa ta' l-Ispirtu urejt lilek innifsek
lill-poplu u ghanejtu bid-don tal-ligi,
biex permezz tal-ligi
jitniehed ghad-don ta' l-istess Spirtu qaddis tieghek.

Missier Qaddis,
bil-qawwa ta' l-Ispirtu tieghek,
rawwimt il-profeti biex iseddqu t-tama tal-poplu tieghek.
Huma habbru l-migja tal-Messja
li fuqu kellu jistrieh l-Ispirtu tieghek,
spirtu ta' gherf u dehen,
spirtu ta' ghaqal u qawwa,
spirtu ta' gherf u ta' biza' tal-Mulej.

Missier Qaddis,
int tant habbejt id-dinja
li fil-milja taz-zminijiet bghattilna lil Ibnek il-Wahdieni.
Hu tnissel bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu
fil-guf safi tal-vergni ta' Nazaret.
Bil-qawwa ta' l-Ispirtu il-Messija
gie milqugh bhala d-dawl tal-gnus u l-glorja tal-poplu tieghek Izrael.
L-istess Spirtu hejjielu t-triq
permezz ta' Gwanni l-Battista
li lilu wkoll mlejtu bl-Ispirtu sa minn guf ommu.
Fih l-Ispirtu wassal ghat-tmiem dak li kienu jfittxu l-profeti
u dak li l-angli stess xtaqu jifhmu sewwa.
L-Istess Spirtu tieghek, Missier Qaddis,
ikkonsagra lil Gesù ta' Nazaret
biex iwassal il-Bxara t-tajba lill-fqajrin,
ihabbar il-helsien ta' l-imjassrin,
jaghti dawl gdid lill-ghomja,
irodd il-helsien lill-mahqurin
u jxandar s-sena tal-grazzja tal-Mulej.

Bil-qawwa ta' l-Ispirtu Qaddis,
Gesù ghadda minn fost il-bnedmin ifejjaq u jehlishom
mis-setgha tax-xitan.
Bl-istess qawwa ta' l-Ispirtu,
Ibnek l-Ghaziz habbna u ta ruhu ghalina

fl-ubbidjenza sal-mewt
u sal-mewt tas-salib.
Bl-istess qawwa ta' l-Ispirtu, Missier,
inti qajjimtu minn bejn l-imwiet
u tajtu l-Isem li hu fuq kull isem
biex kulhadd jinzel gharrkubbtejh,
u bl-istess qawwa ta' l-Ispirtu
jistqarr: Gesù huwa l-Mulej
ghall-glorja tieghek, Missier Qaddis.

Missier Qaddis,
Ibnek wieghed l-istess Spirtu s-Santu
lid-dixxipli tieghu.
Wieghed Difensur, Spirtu ta' Verità,
Xhud tieghu, glorja tieghu,
wieghed l-Ispirtu li kellu jkun l-hajja taghhom.
U l-weghda ssehh
bil-qawwa tal-Misteru ta' l-Ghid
nhar il-Pentekoste,
meta jinzel l-Ispirtu s-Santu,
in-nar u l-ilma tal-hajja,
ir-ruh tal-Knisja tieghek,
il-Mulej li jaghti l-hajja.

Missier Qaddis,
f'Isem Ibnek il-Ghaziz
u bl-intercessjoni ta' Marija,
gedded illum fina
d-don tal-Ispirtu Qaddis tieghek.
Ha jiggedded fina dan id-don
ta' l-ghageb,
Spirtu ta' Mhabba,
Spirtu ta' mahfra tad-dnubiet,
Spirtu li jghajjixna
u jmexxina biex nghixu fl-mhabba,
fil-hena, fis-sliem, fis-sabar, fil-hniena,
fit-tjieba, fil-fidi, fil-hlewwa u fir-razan.
Ha jitlob fina l-Ispirtu Qaddis tieghek,
ha jghinna fin-nuqqas ta' hila taghna,
ha jitniehed fina

biex nixxennqu ghall-ghaqda shiha
mieghek, Missier, u ma' Ibnek,
Int li fi Trinità Perfetta
tghix u ssaltan ghal dejjem ta' dejjem
Amen.

Jehtieg li nkunu 'mahkuma' mill-Ispirtu Qaddis ta' Alla: l-Ispirtu hu prezenza gentili, li jahdem skond kemm ninfethu ghalih, skond kemm inhalluh jahdem fina.

X'differenza mill-ispirti l-hziena, li jaghmlu 'vjolenza' biex jahkmu l-atteggjamenti taghna...u kemm sforz u mpenn biex nehilsu minnhom!

## (D) <u>Is-sbuhija tal-hajja nisranija zaghzugha</u>

Il-hajja nisranija giet murija lilna minn Gesù Kristu nnifsu, Hu li kien, li ghadu u li jibqa' l-qofol tas-sbuhija tal-hajja. Iva, Alla baghat lil Ibnu ghalhekk ikoll, biex jghallimna x'jigifieri sbuhija. Kien rejalista ghax ghamel esperjenza ta' din il-hajja minn mindu gie fostna, u dan ghamlu b'ubbidjenza kbira, b'ubbidjenza mimlija mhabba. U forsi ghalhekk sabiha ghax hemm l-ubbidjenza lejn id-Divin, lejn il-Qaddis, lejn il-Perfett bhal ma hija perfetta sbuhitu. Kellu perseveranza liema bhalha u rieda qawwija li jaqdi l-pjan ta' Missieru. U anke l-istess tfittix tar-rieda tal-Missier qanqlet hajja li sfidatu. Hajja li mill-ewwel kienet moghnija b'impenn, b'entuzjazmu, b'kuragg, b'semplicità, b'gherf kbir sabiex jaghraf dak li gej minghand Missieru u dak li kien gej minghand il-Hazin. U proprju hawn kien il-bidu ta' hajja sbiha. Il-formazzjoni li Gesù ha, anke fl-istess kultura li fiha kien jghix bil-qawwa ta' Dak li jista' kollox ma hallietx post ghat-telqa li hija qerrieda.

U forsi hawnhekk ghandna ghalfejn naghmlu kuragg, ghax ghalkemm il-ghazla ta' hajja nisranija, anke bhala zghazagh, hija spiss triq iebsa u mimlija persekuzzjonijiet, tentazzjonijiet u cahdiet mill-affarijiet li ma jghinuniex nikbru, kemm materjali kif ukoll spiritwali, naf li hemm il-prezenza ta' Gesù li hass dak li nhossu ahna u aktar, ghex f'din id-dinja bhalna, u fuq kollox temm ir-rebha tieghu fuq is-salib u harigna mix-xibka tal-Qarrieq u qanqal fuq dawk li emmnu fih u li ghad jemmnu fih ir-rebha tieghu, flimkien mad-don ta' l-Ispirtu s-Santu. Ma halliniex iltiema bhax-xitan izda tana l-hajja u l-hajja bil-kotra. Allura nistghu nduru lejh biex iwassal it-talba taghna ghand Missieru. Imbaghad il-Missier li jara d-disponibilità u x-xewqa taghna, jaghti hu d-doni u l-armi mehtiega biex nipperseveraw f'din il-mixja.

Mela din l-ghazla, din il-mixja, mhijiex mixja ta' solitudni, ta' depression, ta' kumpless ta' inferjorità, ta' dwejjaq, ta' disperazzjoni, ta' mibeghda, ta' antipatijiet, ta' xewqa li jkollna kontroll fuq il-futur taghna, ta' guh u ghatx spiritwali, ta' dispjaciri tal-passat, ta' zghazagh li huma antikwati jew ta' zghazagh tal-mummy, jew li ghandhom lura; hija mixja ta' zghazagh li jixtiequ jkunu differenti u kuragguzi, lesti li jiehdu decizjoni u azzjoni, zghazagh li huma favur il-hajja, zghazagh li lesti jaghtu prijorità lil Alla fil-hajja taghhom, zghazagh li jridu jaghmlu esperjenza ta' mhabba, ferh u paci vera fil-qalb taghhom; ta' zghazagh li lesti jipperseveraw u ma jaharbux mir-rejaltà, ta' zghazagh li fuq kollox lesti li jilqghu l-istedina li Gesù qieghed jaghmel ta' kuljum permezz ta' l-Ewkaristija lil dawk kollha li jixtiequ jroddulu hajr.

Hajr ghal xhiex? Hajr ghad-don tal-hajja li ghogbu jaghtihom, ghall-helsien permezz tas-Salib qaddis, ghall-pjan ta' mhabba li Gesù hejja ghalik, ghalina u ghal kull individwu qabel ma konna fil-guf ta' ommna, sa mill-eternità, ghax ilkoll imnaqqxa fuq il-palma ta' idejh.

Jekk thoss li dan il-kliem ma jghoddx ghalik jew inkella huwa fieragh, taqtax qalbek; ipprova iftah qalbek billi ssib mument ckejken u oqghod ghal kwiet u rrifletti. Ahseb ftit kemm kwalitajiet sbieh ghandek u iktibhom kollha fuq bicca karta; imbagad mur quddiem is-sagrament, irringrazzja lil Gesù ta' dan kollu u itlob id-don ta' hajja nisranija sabiha fil-qalb tieghek. Rawwem fik innifsek ir-ringrazzjament u t-tifhir lil Alla, anke billi tinqeda bil-Kelma tieghu. Alla jghammar u Hu prezenti f'dan kollu. Jekk thossok imblukkat biex taghmel dan l-ezercizzju, ghamel sforz u mur ghamel esperjenza tal-mahfra li Alla jista' jaghtik. Ftkar li f'dak il-mument Gesù qed jerga' jmut ghalik biex isiehbek fil-qawmien, anke fil-prezent; ftakar li jekk temmen thossok ahjar mhux biss fuq livell uman ghax tkun qsamt il-problemi u d-dghufija tieghek, izda wkoll fuq livell spiritwali ghax thoss li Alla qed jerga' jilqghek b'habib, inti tempju ta' l-Ispirtu tieghu. U dan hu l-qofol tas-sbuhija tal-hajja nisranija, anke dik zaghzugha. Is-sagrament tal-mahfra jehlisna u jqawwina, f'Isem Gesù.

B'dan il-mod, minkejja l-gholjiet u l-inzul li kull wiehed irid jesperjenza, bl-iebes u t-toqol, jitwieled certu ferh u paci fil-qalb taghna; ghax hemm Dak ix-xi hadd li jafna, jimpurtah minna, ihobbna kif ahna u lest biex jaghtina s-support kollu tieghu, basta nkunu lesti li nnewwlu idejna ghall-ghajnuna. Jekk gadek ma ndunajtx, dan ix-xi hadd huwa l-istess Gesù. Titilfux!

## (E) <u>Il-Ministeru tal-Fejqan fost iz-Zghazagh</u>

Imma forsi f'dal-mument wiehed isaqsi: imma z-zghazagh ghandhom bzonn ezorcista? U wiehed jaghmel din il-mistoqsija meta f'mohhu ghandu l-ideja popolari ta' x'jista' jkun ezorcista: sacerdot li qisu hiereg mid-dinja tal-medjuevu, li ghadu jemmen fix-xjaten li jistghu jahkmu lill-persuni...Imma jekk veru jeziztu x-xjaten li jahkmu l-persuni, din mhix haga rari...u allura fejn hi l-htiega ta' ezorcista? U fl-ahhar mill-ahhar, x'utilità ghandhom iz-zghazagh tas-sacerdot li jissejjah ezorcista?

Veru, l-ezorcista hu dak is-sacerdot li ghandu l-awtorità moghtija lilu mill-Isqof - ovvjament moghtija minn Gesù nnifsu lill-Knisja, kif digà kellna l-okkazjoni li naraw - li jitlob fuq il-persuni - jew fuq dawk il-kazi rari, imma rejali - li huma mahkuma minn spirtu hazin. F'isem Gesù u l-Knisja tieghu ghandu s-setgha li jkecci dawn l-ispirti l-hziena.

Izda, irridu nzidu wkoll, li l-esperjenza ghallmitna li l-ezorcista u x-xoghol tieghu certament ma jillimitax ruhu ghal dan biss. Nippreferu nispjegaw ix-xoghol ta' l-ezorcista - anke fost iz-zghazagh - bhala ministeru, servizz ta' fejqan. Fejqan fuq diversi livelli: fuq livell spiritwali, morali, emozzjonali ecc. Forsi hu importanti li nghidu li x-xoghol ta' l-ezorcista, fl-ahhar mill-ahhar, hu xoghol, servizz, favur il-fejqan interjuri u favur il-helsien tal-persuni. Hu sinjal konkret ta' Gesù Kristu, li qed jahdem fil-prezent, anke permezz tal-ministeru u s-servizz ta' dawk li jahdmu, jghallmu u jqaddsu lill-ohrajn f'ismu!.

Kif jista' ezorcista jezercita l-ministeru tal-fejqan fost iz-zghazagh? Niktbu ftit fuq l-esperjenza taghna...u nigbru ftit xi esperjenzi li jistghu jitqiesu bhala espressjoni tal-ministeru taghna.

L-ewwel ma rridu niftakru hu li l-ezorcista mhuwiex wahdu. Jahdem f'isem il-Knisja u bl-awtorità tal-Knisja, u anke meta jsib ruhu wahdu quddiem xi persuna, certament li hu marbut spiritwalment mal-Knisja kollha. Imma forsi hawn ta' min isemmi l-backing u l-appogg tant u tant necessarju ta' individwi u gruppi li jitolbu flimkien u ghall-bzonnijiet ta' l-ezorcista u l-ministeru tal-fejqan tieghu; ta' min isemmi l-backing u l-appogg qawwi ta' gruppi ta' talb li jilqghu fi hdanhom persuni li jkollhom bzonn support kontinwu biex jaslu ghall-fejqan interjuri u l-helsien shih taghhom; ta' min isemmi wkoll l-ghajnuna tant siewja tal-psikologi u l-psikjatri li jikkollaboraw bis-shih ghall-fejqan shih tal-persuni li jirrikorru wkoll ghall-ezorcista. U dan ifakkarna li kulhadd irid jahdem favur il-fejqan shih tal-persuna, fuq kull livell tal-personalità - fuq livell fiziku, psikiku, spiritwali, morali - u dan jidher car meta niftakru li x-xitan jattakka l-livelli kollha tal-personalità tal-persuni - anke dawk involuti fl-okkult u fis-satanizmu!

Lejn Kristu

Spiss, fost iz-zghazagh, l-ezorcista jezercita l-ministeru tieghu favur il-fejqan u l-helsien spiritwali, bhal kwalunkwe sacerdot. Irridu nittrazmettu l-verità li, l-ewwel u qabel kollox, Kristu hu mportanti, Kristu hu l-Imghallem u c-centru ta' l-istorja ta' min jilqghu u jrid ighix b'impenn il-hajja nisranija tieghu. F'dan id-dawl, veru, ix-xitan jezisti, imma hu rejaltà telliefa. B'daqshekk ma nistghux nissottovalutawh. Hu habrieki fl-attività ordinarja tieghu, jigifieri li jgarrab u jhajjar ghall-hazen u ghad-dnub.

U hu facli hafna li l-entuzjazmu taz-zghozija inessi li kulhadd jigi mgarrab: u l-hajra ghad-dnub hi rejali, kif jistqarru z-zghazagh stess! Il-hajra gall-egoizmu sfrenat, il-hajra li wiehed bla riflessjoni ta' xejn jintelaq u jwarrab it-tiftix ghall-presenza u ghar-rieda ta' Alla f'hajtu; il-hajra li wiehed jizra' kliem ta' hsara u kliem li jzarma il-kuxjenza u l-konvinzjonijiet interjuri ta' zghazagh ohrajn; il-hajra li wiehed iqieghed il-flus bhala c-centru ta' hajtu, biex 'ikollu l-ahjar', anke jekk il-mezzi biex ikolli l-flus huma ta' hsara ghal haddiehor, ikissru lil haddiehor; il-hajra ghal divertiment bla razan, li jnessi l-impenji u d-dmirijiet importanti li jibnu lil kull zaghzugh u li bihom wiehed jizra' u jibni ftit ftit il-futur tieghu; il-hajra ghal tiftix ta' svog f'vjolenza, f'sess bl-addocc, il-hajra li wiehed kontinwament jahrab mir-rejaltà tieghu nnifsu, u mir-rejaltà mhux dejjem facli tal-hajja f'alkohol u fid-droga.

Kristu - ifakkar is-sacerdot - kapaci joffri soluzzjoni biex wiehed ikun jiflah ghat-tigrib: *Ishru u itolbu biex ma tidhlux fit-tigrib.* U din mhix soluzzjoni facilistika, mhijiex soluzzjoni li ggaghlek tahrab mir-rejaltà tieghek innifsek...hi ghazla li titlob riflessjoni, ghazla li titlob impenn veru, ghazla li titlob decizjonijiet kuragguzi, ghazla li hi rabta mal-Pozittiv, ma' Dak li hu Haj, ma' Kristu li joffri fejqan u helsien interjuri!

U kemm hu veru li fid-dawl ta' din ir-rabta pozittiva ma' Kristu li z-zghazagh jifhmu qajla qajl il-bzonn li wiehed jikkultiva d-djalogu ezistenzjali mieghu, djalogu li jissejjah talb, talb veru li jsahhah l-imhabba, talb li jsahhah liz-zghazagh fit-twettiq ta' dmirijiethom, iebsa kemm huma iebsa, talb li hu l-antidotu kontra t-tigrib, talb li jsahhahna fil-glieda spiritwali taghna kontra l-hazen. U forsi ta' min izid ukoll, li hu proprju fid-dawl ta' din ir-rabta pozittiva, li z-zghazagh jifhmu s-sbuhija tas-Sagrament ta' l-Ewkarisitja, ta' Dak li jinghata ghalihom - anke kuljum; is-sbuhija tas-Sagrament tar-Rikonciljazzjoni li jsir att ta' fiducja f'Dak Kristu li jilqaghna kif ahna, anke bil-piz tal-limiti, tad-dghufija, u ta' dnubietna; f'Dak li jahfer dejjem, f'Dak li jnissel l-indiema vera u jorbotna mieghU b'rabta ta' mhabba

u jkompli jnissel il-qawwa vera li trebbahna u tkabbarna fil-mixja taghna fir-rejaltà tal-hajja!

Ix-xitan igarrab; l-ghaxqa tieghu jezalta fina l-gheluq fina nfusna, l-egoizmu, in-nuqqas ta' tama fina nfusna u fil-kapacitajiet taghna, in-nuqqas ta' tama fil-hajja, fl-ohrajn u n-nuqqas ta' tama f'sitwazzjonijiet iebsin u li jwegghuna; l-ghaxqa tieghu jezalta l-antipatija, il-mibeghda, it-tpattija, it-tixrid tal-kultura tal-mewt.

Kristu, min-naha tieghU - Hu li nghata ghal kulhadd - ikisser l-egoizmu, iseddaqna u jimla bit-tama, bil-fidi, bl-imhabba; f'kwalunkwe tip ta' sitwazzjoni, l-ghaxqa tieghu ikabbar l-imhabba, il-mahfra, il-fejqan, il-helsien, l-imhabba ghal dak kollu li hu sabih, tajjeb. Jezalta fina l-kultura favur il-hajja fis-sensi kollha taghha!

<u>Bla biza'</u>

Nitkellmu issa mill-fattur tal-'biza' li xi zghazagh jitolbu indirettament il-fejqan minnu. Il-biza' f'dan il-kamp jista' jigi minn diversi fatturi: biza' gej wara kuntatt ma' min jaqra x-xorti, biza' gej mill-esperjenza tal-ouija board, maghmula anke darba, biza' gej minn xi maghmul jew sahta, biza li jitwieled mill-kuntatt ma' min jinvolvi ruhu fid-diversi forom ta' okkult jew anke mill-kuntatt ma' hbieb li jistqarru li huma satanisti, bizghat li xi kultant jitnisslu mis-smig tar-rock sataniku, bizghat li jistghu jitwieldu xi kultant minn frekwenza ta' postijiet li jistghu jissejjhu 'negattivi'.

Dawn it-tipi ta' biza', li jistghu jitwieldu wkoll frott is-superstizzjoni u n-nuqqas ta' gharfien, jitfejqu billi: wiehed ikollu informazzjoni preciza ta' dak kollu li hu okkult u negattiv u l-effetti li dawn l-affarijiet jista' jkollhom; wiehed irid juza mohhu u jirraguna, jirrifletti u jaghmel ghazliet ghaqlin. U forsi l-aktar ghazla ghaqlija hi li wiehed jikber u jaghraf il-bzonn li jikber fir-rabta ma' Gesù Kristu li hu l-Imhabba u hu biss kapaci jnissel l-imhabba fil-qlub taghna, il-mahfra lejn dawk li ghamlulna d-deni. Forsi hu proprju ghalhekk li San Gwann, fl-Ewwel Ittra tieghu, 4, 18, jiktek hekk, u nistghu napplikaw kliemu ghad-diskors taghna: *Fl-imhabba ma hemmx biza'; l-imhabba shiha tkecci l-biza 'il barra, ghax il-biza' ghandu x'jaqsam mal-kastig. Min jibza' gadu ma sabx il-milja ta' l-imhabba.*

F'dawn il-kazijiet, barra l-impenn imgedded fil-hajja nisranija tal-persuna koncernata, tghin hafna talba ta' fejqan u helsien mill-biza', talba ta' invokazzjoni ta' l-Ispirtu ta' l-Imhabba maghmula b'fidi u mill-qalb.

<u>Mimlijin mahfra</u>

Hafna drabi, iz-zghazagh jitolbu indirettament il-fejqan u l-helsien f'dak li ghandu x'jaqsam mal-mahfra. Forsi din hija wahda mill-affarijiet l-aktar importanti - anke jekk rarament nitkellmu fuqha, sfortunatament - li ghandna nqieghdu fil-presena ta' Kristu Hellies!

Hawn min ma jasalx mhux biss jiggosta l-mahfra li jaghti Kristu, imma lanqas ikun kapaci jahfer lilu nnifsu ghad-decizjonijiet zbaljati tieghu, u sahansitra ghad-dnubiet tieghu. Hi problema umana, li f'kazi aktar serji ikollha bzonn l-ghajnuna anke ta' psikologu...u xi kultant anke tal-psikjatra. Imma jidhrilna ukoll li din il-problema spiss hi anke ta' natura spiritwali. Ghidna li l-attività ordinarja tax-xitan hi li jgarrab u li jhajjar ghall-hazen. Hazen jew dnub li mbaghad naghzlu bil-qawwa tar-rieda hielsa taghna. Izda x-xoghol ordinarju tax-xitan ma jieqafx hemm, fit-tigrib. Wara li naghmlu l-hazen, il-gost u l-pjacir tieghu hu li jcappsilna ma' wiccna dnubietna, johloq ir-rimors maghluq fih innifsu...li jwassal ghal espressjonijiet ta' 'disperazzjoni', li spiss jidhru fil-harba kontinwa tal-verità taghna nnifisna, bil-qerda tat-tama fina nfusna, fl-ohrajn u f'Alla.

Din il-forma ta' jasar spiritwali tintrebah bil-gharfien u bl-esperjenza; bl-gharfien li Kristu habbna u ta ruhu ghalina, u jaghti ruhu ghalina anke fil-prezent biex jahfrilna kontinwament ...icappsilna ma' qalbna...demmu l-ghaziz, demm il-mahfra!; l-gharfien li l-Ispirtu s-Santu fina iqanqal ukoll ghar-rimors, ghar-rimors li jsir indiema, indiema li tinfetah ghall-qawwa tal-mahfra rejali li Kristu jaghti anke fil-prezent. L-gharfien isir esperjenza: esperjenza tal-mahfra fic-celebrazzjoni (u celebrazzjoni trid tkun!) tas-sagrament tar-rikonciljazzjoni, celebrazzjoni vera li tipproduci l-mahfra shiha. Kristu jahfer, jaghtina l-qawwa nahfru lilna nfusna, jaghtina l-qawwa biex naghzlu lilU u l-qawwa tal-qawmien tieghU fil-prezent ta' hajjitna.

Tajjeb li ninsistu fuq zewg affarijiet hawn: ix-xitan jiehu gost icappsilna dnubietna ma' wiccna. Jekk hawn xi haga li ma jistax ghaliha, din hi l-mahfra li Alla kontinwament jaghti bil-qawwa tal-mewt u l-qawmien ta' Gesù. Jekk hawn talba li x-xitan ma jistax ghaliha, din hija t-talba ta' l-assoluzzjoni, tal-mahfra tad-dnubiet, it-talba li tissigilla l-mahfra tal-Mulej fic-celebrazzjoni shiha tas-sagrament tar-Rikonciljazzjoni.

Interessanti nsemmu atteggjament ta' spirtu hazin li kien hakem persuna zaghzugha. Meta tlabna fuqu, bl-intercessjoni tal-qaddis Appostlu Pietru...beda jidden bhal serduk biex bhal donnu jerga' jcappas ma' wicc Pietru c-cahda tieghu! L-istess spirtu rrejagixxa bil-qawwa meta komplejna t-talba bil-kliem tal-Vangelu, kliem li wera bic-car il-mahfra kollha mhabba moghtija minn Gesù lil Pietru: *Xmun bin Gona, thobbni int aktar mill-ohrajn? Iva, Mulej, inti taf kollox, inti taf li jiena nhobbok! ... Xmun, ix-*

*xitan ried jghaddik mill-gharbiel...imma jiena tlabt ghalik...inti wettaq lil hutek!*

Ix-xitan jghogbu jakkuza lill-bnedmin quddiem Alla: imma bil-mahfra ta' Gesù, hu tellief. *Issa giet is-salvazzjoni u l-qawwa u s-saltna ta' Alla taghna u s-setgha tal-Messija tieghu, ghax twaddab 'il barra dak li jixli lil hutna, li lejl u nhar jixlihom quddiem Alla taghna* (Apokalissi 11, 12).

San Gwann fl-Ewwel Ittra tieghu, 1,5 - 2,3, hekk jaghmlilna kuragg: *Din hi l-ahbar li smajna minnghandu u li qeghdin inxandrulkom; li ALla hu dawl u ebda dlam ma hemm fih. Jekk nghidu li ahna msehbin mieghu imma nimxu fid-dlam, nkunu qeghdin nigdbu u ma naghmlux il-verità. Izda jekk nimxu fid-dawl, kif inhu fid-dawl hu stess, ahna nissiehbu flimkien, u d-demm ta' Gesù Kristu Ibnu jnaddafna minn kull dnub. Jekk nghidu li m'ghandniex dnub, inkunu qeghdin inqarrqu bina nfusna u l-verità ma tkunx fina. Jekk nistqarru dnubietna hu jnaddafna minn kull hazen. Jekk nghidu li ma dnibniex, nkunu qeghdin ingiddbuh, u kelmtu ma tkunx fina. Uliedi, dan qieghed niktbilkom biex ma tindinbux; imma jekk xi hadd jidneb, ahna ghandna Difensur quddiem il-Missier, lil Gesù Kristu, il-gust. U hu jhallas gal dnubietna, mhux ghal taghna biss, izda wkoll ghal dawk tad-dinja kollha.*

<u>Mahfra lil haddiehor</u>

Fejqan iehor li spiss jitolbu z-zghazagh hu dak li ghandu x'jaqsam mal-mahfra li jsibu difficli wisq biex jaghtu lil min ikun ghamlilhom id-deni. Anke hawn jidhlu tant fatturi umani u fatturi spiritwali li mhumiex necessarjament materjal specifiku ta' l-ezorcista. Imma nghidu kelma ghaliex nindunaw fix-xoghol taghna li fejn tidhol l-antipatija u l-mibeghda, spiss hemm ukoll denb ix-xitan. Anke ghaz-zghazagh, spiss hu difficli li tahfer...li tahfer min ghamillek id-deni, min abbuza minnek, anke jekk dawn setghu kienu persuni tal-familja jew persuni li kellhom jispiraw fiducja; kemm hi difficli tahfer lil min naqas li jittrazmetti mhabba.

Anke f'dan kollu ninsistu li nqieghdu din is-sitwazzjoni fid-dawl ta' Kristu li jitlobna *nahfru u nahfru minn qalbna!* U dan biex ahna stess ma nkunux ilsiera ta' l-istess antipatija jew ta' l-istess mibeghda taghna. Din, fil-veru sens tal-kelma, torbotna, spiss issir oppressjoni kontinwa, oppressjoni jew anke ossessjoni li kemm-il darba tidher fil-mard fiziku jew anke f'dipendenzi negattivi.

It-triq li twassal gall-fejqan u l-helsien, anke hawn, hi t-triq li fiha persuna tinfetah li taghmel esperjenza ta' l-imhabba ta' Alla f'hajjitha - u dan permezz ta' hbieb li jafu verament ihobbu, permezz tat-talb u ta' l-ghixien tas-sagramenti li jinbidlu f'atteggjament ta' hajja...hi biss esperjenza

qawwija u fl-istess hin divina ta' l-imhabba ta' Alla, li kapaci tnissel il-kapacità ta' l-imhabba, imhabba mgedda li tasal anke gall-mahfra u ghall-mahfra li tinghata mill-qalb.

Anke dan il-ftit kliem jurina kif certu rabtiet negattivi, wiehed jahdem li jinhall minnhom mhux biss f'isem Gesù, imma wkoll bl-ghajnuna tal-Knisja, - ir-rejaltà tal-Knisja li spiss imbaghad tikkonkretizza ruhha f'komunità parrokkjali, jew fi grupp jew moviment fejn hemm dejjem zewg elementi importanti: ambjent ta' formazzjoni kontinwa f'dak li gandu x'jaqsam mal-hajja nisranija u ambjent li jiffavorixxi t-talb...dak veru. F'grupp jew assocjazzjoni hemm is-sahha...is-sahha ta' Dak Gesù li hu prezenti dejjem *fejn tnejn jew tlieta jingabru f'ismu.*

<u>Hielsa minn kull rabta negattiva</u>

Fuq livell spiritwali ta' min jitkellem ukoll mill-fejqan u l-helsien mir-rabtiet negattivi ma' l-ispirtu tas-sesswalità, mad-droga u ma' l-alkohol. Diga tkellimna fuq il-qima li x-xitan jiehu gost jircievi permezz taz-zeblih tal-gisem fil-forom kollha ta' sesswalità negattiva jew sahansitra perversa taghha...u ma' dan izidu it-tkissir tal-gisem li jigi mid-dipendenza fuq il-pornografija, l-abbuz mill-alkohol u d-droga.

Ovvjament hawnhekk mahniex ser nitkellmu mill-fejqan super-necesarju li jigi mit-terapiji u mill-programmi ta' rijabilitazzjoni li jghinu liz-zghazagh jaffrontaw ir-rejaltà taghhom infushom, l-isfidi ta' hajjithom, il-bini mill-gdid tal-fiducja fihom infushom u tal-fiducja fl-ohrajn. Imma rridu nghidu li spiss dawn l-atteggjamenti u r-rabtiet negattivi ghandhom ukoll dimensjoni spiritwali li jehtiegu wkoll fejqan shih mill-Mulej Gesù li jaf ifejjaq u jehles minn dawn ir-rabtiet interjuri.

Nemmnu li t-talb u l-impenn ta' hajja nisranija - l-esperjenza ta' Alla li jhobb, li jaf jaghder u li jaf johloq mill-gdid - jghinu hafna biex wiehed jinheles u jkisser ir-rabtiet negattivi u joholqu apprezzament ghall-hajja, apprezzament ghall-ezistenza proprja li fiha sens u skop u li mhijiex rota ddur fil-vojt u miexja lejn il-vojt.

Kristu ghandu l-qawwa jfejjaq u jehles! Kristu gandu l-qawwa li jkabbarna fit-triq ta' l-imhabba vera u nirbhu kull tip ta' blockage - kwalunkwe tip ta' harba mir-rejaltà li tidher fl-abbuz ta' l-alkohol u d-droga, kwalunkwe rabta mas-senswalità: ir-rabta u l-bzonn tal-pornografija, tal-masturbazzjoni, ta' sess bla kontroll, ta' sesswalità perversa. Hu biss kapaci jgedded fina d-don tas-safa, don li jifthilna t-triq mhux biss tar-Rabta pozittiva mieghU, imma wkoll it-triq ta' l-imhabba u tar-rispett shih lejn l-ohrajn. Hu biss ifejjaq u jehles...jekk naccettawh b'qalbna kollha.

U mbaghad nifhmu l-kliem ta' Pawlu, fl-Ewwel Ittra lill-Korintin, 6, 13-20, fejn l-appostlu jitkellem fuq is-sbuhija u d-dinjità tal-gisem, li jasal sahansitra jsejjahlu *Tempju ta' l-Ispirtu s-Santu: Il-gisem mhuwiex ghaz-zina izda ghall-Mulej, u l-Mulej huwa ghall-gisem. U Alla qajjem il-Mulej u jqajjem lilna wkoll bil-qawwa tieghu. Ma tafux li l-igsma taghkom huma membri ta' Kristu? Jaqaw ghandi naghmel mill-membri ta' Kristu membri ta' mara zienja?...aharbu z-zina! Kull dnub li wiehed jaghmel hu 'l barra minn gismu, izda min jaghmel iz-zina jkun qieghed jidneb kontra gismu stess. Jew ma tafux li gisimkom hu tempju ta' l-Ispirtu s-Santu, li jinsab ighammar fikom, li ghandkom minn Alla? Ma tafux li intom m'intomx taghkom infuskom? Bil-gholi kontu mixtrija! Mela aghtu gieh lil Alla permezz ta' gisimkom.*

Fl-Ewwel Ittra lit-Tessalonkin, 3, 2-8, Pawlu hekk jikteb: *Tafu x'taghlim tajniekom permezz ta' Sidna Gesù Kristu. Dan irid Alla minnkom: il-qdusija taghkom li titbieghdu miz-zina, u li kull wiehed minnkom izomm 'il gismu fil-qdusija u l-gieh, u ma jhallix il-passjoni tieghu teghelbu bhall-pagani li ma jagharfux lil Alla. F'din il-haga hadd ma ghandu jaghmel tort jew hsara lil huh, ghax il-Mulej jaf jithallas ta' dan kollu, kif ga ghednielkom qabel u tajniekom xhieda. Ghax Alla ma sejjhilniex biex nghixu fiz-zina, imma fil-qdusija. Ghalhekk min iwarrab dan it-taghlim, ikun iwarrab mhux lill-bniedem izda lil Alla li takom l-Ispirtu Qaddis tieghu.*

U f'Efesin 5, 17-18, izid: *Tkunux bla ghaqal, imma fittxu xinhi r-rieda tal-Mulej. U tiskrux bl-inbid, li fih hemm hajja bla lgiem, izda mtlew bl-Ispirtu s-Santu.*

<u>Nagharfu lil Alla kif inhu</u>

L-ahhar kelma qabel ma nghaddu biex nitkellmu mill-ministeru ta' fejqan u helsien fost iz-zghazagh li direttament jew indirettament kienu nvoluti fl-okkult. Hafna zghazagh jitolbu li l-fejqan indirettament ghar-rabta negattiva li jkollhom ma' ideja zbaljata ta' Alla. Iva, ma' ideja zbaljata u infantili ta' Alla l-Missier. Spiss inqisu lil Alla bhala kaxxa li tbiegh is-soft-drinks. Nitfaghla l-flus u nistenna li johrog il-flixkun li nkun ghazilt bl-ghafsa tal-buttuna. U jekk il-flixkun ma johrogx, il-kaxxa ma jkun jisthoqqilha xejn hlief daqqa ta' ponn jew daqqa ta' sieq jekk dak li jkun ikun kemmxejn aktar bully! U lil Alla mhux hekk spiss inqisuh: nitolbu biex jagtini...u meta ma naqlax bis-sieq intih bil-kliem, bl-isfiducja u bl-indifferenza tieghi. Kemm spiss inwahhlu f'Alla sitwazzjonijiet fejn naghmlu esperjenza ta' fallimenti, esperjenza tad-dghufija taghna, tal-limiti taghna, tad-dghufija u tal-limiti ta' haddiehor...u nwahhlu fiH. Kemm esperjenzi ta' nuqqas ta' mhabba fil-familji taghna, esperjenzi ta' abbuz u

sfruttament li nsofru, u li facilement inwahhluh fuq Alla l-Missier, fuq l-ideja infantili li ghandna fuq Alla.

U anke fuq dawn is-sitwazzjonijiet jehtieg talb ta' fejqan u helsien...talb li jrid iqanqal mixja ta' smigh tal-Kelma ta' Alla u tigdid ta' rabta vera ma' Gesù Kristu, l-Iben ta' Alla l-Haj. Mixja ta' smigh tal-Kelma ta' Alla li hi biss turina min hu Alla l-veru, Alla l-Missier ta' Gesù Kristu. Imbaghad Alla ma jtqiesx aktar bhal speci ta' kaxxa li tbiegh is-soft-drinks...imbaghad Alla jitqies bhala l-ghajn ta' ilma haj li dejjem tnixxi, ilma kapaci li jsaffi u jfejjaq, ilma kapaci li jaqta' l-ghatx ta' kull bniedem, l-ilma li jagti sens u qawwa lill-hajja taghna lkoll.

F'dal-kuntest tajjeb li nnizzlu xi kummenti li smajna minn fomm spirti hziena li spiss ikunu jridu jaqtghu qalb l-ezorcista u l-équipe li jitolbu mieghu: 'Fejn hu Alla li qieghed issejjah...kieku Alla tajjeb ma kienx jahseb f'N. Kieku Alla hanin, ma kienx ihenn ghal N.' Bhas-soltu dawn il-kummenti jizzewwqu dejjem b'daga li jwahhxek u bi kliem oxxen ta' kull kulur! U meta tisma' x-xitan jidghi, kif tista tisma' zghazagh jidghu qisu qatt ma kien xejn? Iwwahhaxna d-dagha li johrog mill-fomm ix-xitan...iwwahhaxna aktar d-dagha li johrog minn fomm il-bnedmin! U forsi mhux anke fuq din ir-rabta negattiva mad-dagha u maz-zeblih ta' l-Ismijiet qaddisa ma jinhtiegx skoss talb ta' fejqan u helsien u mixja serja ta' konverzjoni...jekk hu veru *li mill-abbundanza tal-qalb jitkellem il-fomm?*

*Taghtux il-wisa' lix-xitan....ebda kelma mhix xierqa m'ghandha tohrog minn fommkom, imma kliem sewwa li jedifika skond il-htiega, kliem li jaghmel il-gid lil min jisimghu. U tnikktux l-Ispirtu s-Santu ta' Alla, li fih intom issiggillati ghal jum il-fidwa. Mrar, sahna, korla, taghjir, ghajat, dan kollu warrbuh minnkom u wkoll kull hazen iehor. Kunu twajba ma' xulxin, hennu ghal xulxin, ahfru lil xulxin, bhalma Alla hafer lilkom fi Kristu* (Efesin 4, 27.29-32)

Hielsa mill-okkult

Nidhlu fil-kamp ta' dak li nhobbu nsejhulu 'okkult popolari'. Il-ouija board, jigifieri t-tentattiv li wiehed jikkomunika ma' l-ispirti biex ikun jaf il-futur jew dak li hu mohbi, ghax forsi tissejjah 'loghba', kif diga rajna, saret komuni hafna. Ghalhekk bosta huma dawk iz-zghazagh li jigu ghandna u jitolbu fejqan u helsien. Fejqan u helsien minn xhiex? Meta wiehed jaghmel il-ouija board, l-ewwel ma jrid ifiq hu mill-awto-suggestjoni u mill-kundizzjonamenti mentali mahluqa 'mit-twegibiet' ta' 'l-ispirtu'. Niftakru li spiss dan kollu hu biss frott il-mohh, in kwantu nittrasferixxu l-bizghat u l-incertezzi taghna fuq il-ouija board - bizghat fuq il-futur, ix-xoghol, il-hbiberiji u r-rabtiet sentimentali u emozzjonali taghna. F'dal-kaz, parti mill-

fejqan jiltob l-informazzjoni cara fuq din 'il-loghba'; fl-istess hin irid isir diskors ragjunevoli biex zaghzugh jaghraf ihaddem mohhu, il-kapacità riflessiva tieghu fid-decizjonijiet li jiehu - u dan biex zaghzugh ikompli jimmatura u jikber u jkun hu, sakemm jiddependi minnu, li jibni l-istess futur tieghu u jaffronta l-isfidi, mhux dejjem facli, tar-rejaltà tal-hajja tieghu, tal-familja u tal-hbieb tieghu.

Imma hawn irridu niftakru li 'l-loghba' tal-ouija board, jew kwalunkwe forma ohra ta' spiritizmu, semplici kemm tidher semplici, banali kemm tidher banali, jista' jkollha effett spiritwali. Il-ouija board spiss tohloq komunikazzjoni ma' l-ispirti...li anke jekk jghidu li huma spirti 'tajba' jew spirti 'gwidi', jew anke xi ruh ta' xi hadd gaziz, huma dejjem spirti hziena. Ix-xitan ihobb jipprezenta ruhu bhala 'anglu tad-dawl'; Gesù isejjahlu *missier il-gideb*; hu l-imghallem ta' l-illuzjoni! Il-komunikazzjoni ma' l-ispirtu spiss tohloq rabta negattiva mieghu: rabta negattiva li tidher f'bizghat profondi, holm ikrah, is-sensazzjoni li wiehed ma jkunx wahdu meta suppost qieghed wahdu, ix-xewqa ta' komunikazzjoni mill-gdid ma' l-ispirtu, is-sens li wiehed qed jiddomina xi qawwiet okkulti...is-sens ta' dwejjaq fost il-grupp 'tal-hbieb' li jkunu ghamlu l-ouija board, u fuq kollox....il-firda. Iva, il-firda, ghax din hija s-sinjal ta' dawk li jbexqu l-bieb lix-xitan...kontra l-ghaqda, li hi s-sinjal ta' dawk li jemmnu fi Kristu.

Il-fejqan minn dan kollu jinsab filli wiehed jichad ghar-rabta negattiva u jerga' jibni r-rabta pozittiva ma' Kristu. U dan isir bix-xandira tal-Bxara t-Tajba li Kristu biss jista' ifejjaq u jehles, li Kristu jrendi l-agir taghna aktar ragjonevoli, aktar uman. Ghalhekk it-talba ta' helsien li ssir fuq dawn iz-zghazagh trid tigi akkumpanjata minn minimu ta' katekezi u konverzjoni, minn att ta' fiducja f'Kristu li tidher ukoll fic-celebrazzjoni tas-sagrament tar-Rikonciljazzjoni u f'mixja ta' gharfien tal-Mulej.

<u>B'Rabta pozittiva</u>

Niftakru: hi r-rabta mal-Mulej - rabta pozittiva - li tista' tholl din ir-rabta negattiva u mhux biss it-talba ta' l-ezorcista jew ta' min jitlob il-fejqan u l-helsien. U dan nghiduh ghax spiss nigu konfrontati minn zghazagh li jixtiequ jfiequ minn rabtiet negattivi imma jigu ghand l-ezorcista daqs li kieku sejrin ghand sahhar li minnu jitolbu il-helsien. Il-helsien magiku ma jeziztix! F'dan kollu, f'kwalunkwe kaz ta' rabtiet negattivi, ma' l-okkult jew max-xitan, disghin fil-mija tal-helsien jiddependi mill-konverzjoni tal-persuna, mill-ftuh taghha li tilqa' l-imhabba ta' Alla fil-hajja ta' kuljum!

Spiss jigu zghazagh li jitkellmu, jew li jigu pprezentati lilna bhala li jsofru minn mumenti ta' dwejjaq tal-biza', minn mumenti qawwija ta' ribelljoni profonda kontra l-familji, kontra kwalunkwe forma ta' awtorità,

ribelljoni li tidher anke msahha minn abbuz ta' alkohol u droga, vjolenza, ribelljoni spiss akkumpanjata minn xewqa persistenti ta' suwicidju bhala soluzzjoni ezistenzjali. Cert, dan kollu mhuwiex necessarjament marbut ma' l-okkult jew mas-satanizmu. Imma f'bosta kazi, haga li ghenet hafna fil-fejqan, kien il-parir, fost tant affarijiet ohra, li wiehed jieqaf jisma' b'mod kontinwu r-rock sataniku. Iva, inkunu viljakki jekk dan il-fatt ma nghiduhx b'qawwa! Il-kaos interjuri, it-tifrik tal-kuxjenza u ta' kwalunkwe atteggjament pozittiv hu fl-ahhar mill-ahhar l-iskop ta' din it-tip ta' muzika. Fejqan jitlob talba: talba li hi l-ewwel u qabel kollox informazzjoni, informazzjoni li tibnina biex anke fis-smigh ta' muzika, inkunu kapaci naghmlu l-ghazliet taghna, ghazliet li jibnuna. Kemm ser indumu nhaxxnu l-bwiet ta' min jisfruttana u jaghmel vjolenza diretta jew indiretta lill-kuxjenzi taghna? Kemm ser indumu npaxxu min irid jisfruttana, minghajr ma nkunu konxji ta' dan l-istess sfruttament?

<u>Nikkonsultaw LilU...u nibnu l-futur taghna</u>

Bhal fil-kaz tal-ouija board, saret qisha moda wkoll, anke fost iz-zghazagh, li jikkonsultaw ruhhom ma' dawk li jaqraw ix-xorti. Ghidna diga li spiss dan hu tentattiv biex wiehed 'ikun jaf' il-futur tieghu, jew indirettament hemm l-isforz li wiehed bhal speci jiddomina affarijiet mohbija. Anke hawn, spiss il-fejqan u l-helsien irid jitqieghed fuq livell uman u psikologiku: fejn hi l-kapacità taghna li nibnu l-futur taghna bid-don tal-mohh u tar-rieda hielsa taghna li bihom zejjinna Alla l-Missier meta halaqna fuq ix-xbiha u s-sura tieghu ? U meta tahseb li nqieghdu l-fiducja taghna f'misturi, f'amuleti, f'riti li fil-veru sens tal-kelma huma banali...itik li tidhaq, jew forsi ahjar, li tibki! Nithassru lil tant zghazag li jonfqu l-ftit flus li ghandhom ghand min jaqra x-xorti.

Il-problema ma tibqax banali meta min jaqra x-xorti hu marbut max-xitan, li joffri bil-qalb il-qawwiet limitati tieghu. Jekk is-sahhar/a hu/hi marbut/a max-xitan direttament, min jikkonsultahom jintrabat indirettament mieghu u direttament mas-sahhar/a. U din hi certament rabta negattiva li jkollha bzonn tinqata' f'isem Gesù. Hi rabta negattiva li tohloq 'il-bzonn' tal-konsultazzjoni mas-shahar, anke jekk hi rabta li taqleb ghal taht fuq il-hajja tal-persuna involuta f'kull kamp.

Anke hawn il-mixja tal-fejqan titlob informazzjoni, talba li tnissel hajja mgedda li titfisser bil-fiducja shiha u ezistenzjali f'Alla.

Xi zghazagh isibuha difficli li jifhmu kif dan it-tip ta' konsultazzjoni spiss tohloq rabta negattiva. Jghidulek: 'Is-shahar jafu bil-passat tieghi...mela wkoll bil-futur tieghi...ghandhom statwi tal-Madonna u tal-qaddisin fl-ufficcju taghom...jghidu li jriduli l-gid...qaluli l-verità...' U jista'

jsir gid b'metodi li huma espressament ikkundannati fil-Kelma ta' Alla? U mela x-xitan mhux giddieb u l-imghallem ta' l-illuzjoni? Fit-tigrib, ma jlibbisx il-maskra 'tat-tajjeb' fuq dak li hu espressament hazin?

Kemm hu facli temmen lil dawn is-shahar li jispjegaw l-isfortuna tieghek, jew l-istess problemi u l-isfidi tal-hajja tieghek, billi jghidulek li ghandek ghajn, jew sahta, jew li xi hadd ghamillek maghmul. Hi l-ehfef soluzzjoni biex tipprova twahhal f'xi haga jew f'xi hadd ir-rejaltà iebsa tal-hajja! U kemm insiru dghajfa quddiem dawn l-istqarrijiet u nkunu lesti li naghmlu minn kollox - anke dak li hu banali - biex inehhulna l-ghajn, is-sahta jew il-maghmul! Mhux ghax dawn l-affarijiet ma jezistux, kif sejrin naraw, imma ghaliex spiss il-problema hi problema ta' maturazzjoni fil-hajja: li tkun kapaci tibni int il-futur tieghek, li tkun kapaci tibni int hbiberija, li tkun kapaci tara u tilqa' l-limiti u d-dghufija tieghek, li tkun kapaci int taghti direzzjoni dejjem aktar soda lill-imhabbiet tieghek, lill-emozzjonijiet u s-sentimenti tieghek, li tkun kapaci taffronta lill-bizghat tieghek, ecc. U Kristu, dan kollu jinteressah, u bil-kif! Ghax hu jnissel l-imhabba li tbieghed il-biza, l-imhabba li tfejjaq il-qlub maqsuma, l-imhabba li taf tnissel il-mahfra u tbieghed il-mibeghda, l-imhabba li ssir principju ta' hajja, ta' hajja vera, ta' hajja bil-kotra! *Ejjew ghandi intom li tinsabu mhabbtin u mtaqqlin, u jiena nserrahkom. Hudu fuqkom il-madmad tieghi ghax jiena ta' qalb helwa u umli. Ghax il-madmad tieghi helu u t-toqol tieghi hafif.*

F'dal-kuntest kollu ta' diskors ta' servizz favur il-fejqan u l-helsien, joqghod tajjeb ferm il-kliem ta' San Pawl li nsibu fil-kapitlu tlettax ta' l-Ewwel Ittra lill-Korintin. Hi fil-fatt l-imhabba 'it-triq' ewlenija li twassal ghall-fejqan u ghall-helsien.

*Imma jiena nurikom triq li tghaddihom ilkoll. Li kont nitkellem bl-ilsna tal-bnedmin u ta' l-angli bla ma kelli l-imhabba, kont inkun qisni strument tar-ram izarzar jew platti jcekcku. U kieku kelli d-don tal-profezija u kont naf il-misteri kollha u l-gherf kollu, kieku kelli l-fidi shiha li nqanqal il-muntaji, imma ma kellix l-imhabba, jiena ma kont inkun xejn. U kieku kelli naghti gidi kollu fil-karità u naghti gismi ghall-hruq bla ma jkolli mhabba, xejn ma jkun jiswieli ta' gid. L-imhabba taf tistabar u thenn; l-imhabba mhijiex ghajjura, ma tintefahx biha nfisha, ma titkabbarx fuq l-ohrajn; ma taghmilx dak li mhux xieraq; ma tfittixx dak li hu taghha, xejn ma tinkorla; ma zzommx f'qalbha ghad deni, ma tifrahx bl-ingustizzja, imma tifrah bil-verità; kollox taghder, kollox temmen, kollox tittama, kollox tissaporti...issa hawn fidi, tama u mhabba, it-tlieta jibqghu. Il-kbira fosthom l-imhabba.*

B'hajja msejsa fuq l-Imhabba

Meta jitkellmu mis-sahta jew il-maghmul qed nitkellmu minn invokazzjoni li ssir lix-xitan u li tigi akkumpann jata minn riti ta' magija sewda (ez: riti ta' vudu, macumba, santerija ecc) maghmula b'materjal divers, kif diga rajna, anke b'xi oggett personali tal-persuna li fuqha qed isir maghmul jew sahta. Il-maghmul isir minn sahhar/a, fuq talba ta' min irid jaghmel id-deni lil haddiehor. Dan jurina li l-principju tas-sahta jew tal-maghmul hija l-mibeghda....jew fil-kaz tal-maghmul tal-mibeghda bla kontroll jew ta' 'l-imhabba possessiva'; fis-sens ta' min irid jorbot ta' bilfors xi hadd mieghu, xi habib jew habiba li jkunu waqfu l-hbiberija taghom...u dan isir, f'xi kaz, anke b'dawn il-mezzi negattivi jew okkulti.

Hawn irridu nghidu li maghmul 'ma jahdimx' meta l-persuna li tkun milquta tghix fil-grazzja ta' Alla, jigifieri marbuta mal-Mulej Gesù. F'xi kaz rari, il-maghmul, imnissel mill-mibeghda jew minn imhabba devjata, jahdem. Il-persuna milquta tista' tilmenta li 'kollox gej hazin', fil-kamp fiziku, jew spiritwali, fil-kamp tax-xoghol u ta' relazzjonijiet affettivi. F'certi kazijiet dan iwassal anke ghal hakma vera u proprja tax-xitan.

Hemm min jahseb li sahta jew maghmul jistghu jinkissru mill-istess shahar. U bosta huma dawk li jitolbu l-gajnuna taghhom. Imma dak li hu negattiv ma jista' qatt jasal biex inissel il-pozittiv. 'Il-fejqan' li spiss joffru s-shahar hu temporanju....wara ftit zmien il-problema terga' tiffaccja b'aktar qawwa! U sadattant dak li jkun jizburzja l-flus, flus kbar...u jisma' l-ispjegazzjoni: 'ghax regghu ghamlulek maghmul' ecc.

Ghal dan it-tip ta' problemi jinhtieg Kristu, il-bzonn li l-persuna terga' ssahhah ir-rabta pozittiva ma' Kristu permezz ta' mixja ta' konverzjoni mill-qalb li tissahhah ukoll bit-talb li jsir fuq il-persuna ghall-fejqan u ghall-helsien shih.

Fuq dan ninsistu maz-zghazagh li huma milquta b'dan l-irbit negattiv, anke jekk din ir-rabta mhijiex htija taghom. Interessanti ninnutaw li l-esperjenza ghallmitna li c-cirku tal-mibeghda, li huwa l-principju ta' kull maghmul u sahta, jitkisser bil-mahfra, u bil-mahfra mill-qalb tal-persuna stess li tkun qieghda taghmel id-deni. U din mhix haga facli u hu proprju ghalhekk li l-mixja ta' fejqan u helsien - ghax spiss hija mixja twila - trid titlaqqam fil-konverzjoni, fit-tkabbir tar-rabta pozittiva ma Kristu. Sakemm ikun hemm in-nuqqas ta' mahfra, sakemm ikun hemm atteggjamenti ta' dnub gravi, il-hazen isib ma xhiex jaqbad. Imma l-esperjenza turina wkoll li Alla kapaci jinqeda anke bil-hazen tal-bnedmin biex johrog it-tajjeb fl-individwu milqut, fil-hbieb u fil-familja tieghu.

Xi drabi z-zghazagh jitolbuna hijiex xi haga li tista' taghmlilhom hsara l-fatt li hbiebhom ikun midhla ta' l-okkult u s-satanizmu. Anke hawn,

nipproponu li dawk li jitolbuna parir fuq dan, li jsahhu l-hajja tal-fidi taghhom. Din hi fil-fatt decizjoni tajba li tharishom minn kull influwenza negattiva. Naturalment wiehed irid ihobb u jirrispetta anke lil dawk li jiddikjaraw li huma involuti fl-okkult u s-satanizmu...minghajr ma jinholqu rabtiet negattivi li jistghu jitwieldu bil-kurzità, b'diskorsi vojta u inutli, rabtiet negattivi li jistghu jinholqu u jkollhom konsegwenzi gravi u li jsehhu permezz ta' hbiberijiet intimi li jaslu anke ghall-relazzjoni sesswali. L-esperjenza ghallmitna li min hu nvolut fis-satanizmu, jitlef kull kontroll tal-kuxjenza, u jinqeda b'kollox, anke bil-vjolenza u bl-istupru biex jasal ghal dak li jixtieq hu.

<u>Hielsa bi Kristu, ma' Kristu u fi Kristu</u>

L-ahhar kelma fuq il-ministeru tal-fejqan u l-helsien nghiduha fuq dawk li jsoffru minn possessjoni djabolika vera u proprja, jew minn dawk li jsofru minn oppressjoni jew vessazzjoni djabolika.

Kif diga rajna, il-kawza li twassal ghal dawn ir-rabtiet negattivi u ghall-espressjonijiet l-aktar gravi ta' l-attività straordinarja tax-xitan jistghu jkunu hafna: kawzi li 'jifthiemu', bhalma hi l-partecipazzjoni f'gruppi u riti satanici, 'it-talb' negattiv individwali maghmul direttament lix-xitan, b'riti maghmula anke individwalment, attivitajiet li permezz taghom wiehed konxjament u b'rieda hielsa jiftah il-bieb lix-xitan jew sahansitra jikkonsagra lilu nnifsu lilu. Anke l-attivitajiet li semmejna: tbaghbis fl-okkult, il-qari tax-xorti, l-ispiritizmu fil-forom kollha tieghu, il-perseveranza fil-mibeghda u fin-nuqqas ta' mahfra, il-perseveranza f'dnubiet gravi bhalmu hu l-abort, il-perverzjonijiet sesswali, meta wiehed isofri maghmul, sahta...dawn kollha jistghu ikunu kawzi, spiss b'xi whud li jinghaqdu flimkien, li jwasslu ghall-espressjonijiet ta' l-attività straordinarja tax-xitan.

Kif naqdu l-ministeru tal-fejqan u l-helsien fuq zghazagh li huma oppressi jew mahkuma mix-xitan? Kif nindunaw li hemm bzonn ta' fejqan u helsien spiritwali u li mhux bizzejjed il-kura ta' psikjatra ghal sintomi li spiss jidhru li huma manifestazzjoni ta' mard mentali?

L-ewwel haga li rridu nghidu hi li l-possessjoni djabolika vera u proprja hi rari, imma tezisti u jidhrilna li forsi huma ftit il-kazi li jigu quddiem l-ezorcista. Hemm kazi li xi kultant jibqghu jigu biss meqjusa bhala mard mentali jew biss bhala manifestazzjonijiet ta' xi devjazzjonjiet ta' atteggjamenti purament umani jew psikologici.

Hija ovvja li hadd ma jigi ghand l-ezorcista u jghidlu 'ghandi xitan fija'. Min jigi u jistqarr juri mall-ewwel li quddiemna ikollna kaz ta' persuna jew imbezza' jew iffissata jew anke li ghandha bzonn kura psikika.

Meta xi hadd igib xi persuna zaghzugha gat-talb minhabba diversi sintomi 'strambi', l-ewwel ma naghmlu hu djalogu ta' dixxerniment. Djalogu li ghandu l-iskop li johrog il-passat tal-persuna: il-hajja familjari, affettiva u emottiva taghha, jekk il-persuna kellhiex kuntatt mas-satanizmu jew ma' l-okkult fl-espressjonijiet kollha tieghu, jekk il-persuna hijiex tbati minhabba n-nuqqas ta' mahfra jew hijiex oggett ta' mibeghda fir-relazzjonijiet umani taghha, ecc. Id-djalogu hu mportanti hafna galiex skond dak li jinghad l-ezorcista jkun jista' jibda jifhem is-sitwazzjoni shiha tal-persuna, l-istorja taghha u fuq kollox il-feriti ta' l-istorja tagha. Spiss il-persuni jkollhom bzonn biss talb ta' fejqan spiritwali jew emozzjonali...u fil-bicca l-kbira it-theggiga dejjem valida tal-KONVERZJONI, jigifieri, kif rajna dejjem fil-kazi l-ohra, il-bzonn li wiehed isahhah ir-rabta pozittiva ma' Kristu. Ovvjament, ma' dan, ma nieqfu qatt nipproponu lil min ghandu bzonn, kura psikologika jew sahansitra psikjatrika. Il-grazzja ta' Kristu tahdem mija fil-mija fuq in-natura taghna...fuq is-sahha shiha taghna, fuq kollox dik psikologika u psikika.

Hu ghalhekk li ahna, fejn ikun hemm il-htiega, fil-fatt nitolbu t-talba ta' l-ezorcizmu fuq il-persuna. Mhux tant biex inkeccu x-xjaten imma biex naghmlu dak li nsejhulu ezorcizmu ta' dixxerniment. Ezorcizmu li jghinna naghzlu u naraw ezattament xi jkollha bzonn il-persuna li jkollna quddiemna.

Imma nitkellmu ftit fuq dawk il-kazi ta' oppressjoni jew possessjoni djabolika. Liema huma s-sintomi li jghinuna nifhmu li l-persuna li ghandna quddiemna ghandha spirtu hazin li qed idejjaqha jew jahkimha f'mumenti tal-hajja taghha?

Xi kultant, il-persuna li tigi quddiemna tkun daret it-tobba li mhux dejjem isibuha facli li jindividwaw it-tipi ta' afflizzjonijiet fizici li tbati l-persuna, jew l-afflizzjonijiet mentali: 'hadd ma ighidli ezattament x'ghandi...il-pinnoli ma jahdmux!'

Sintomu ta' thassib hu l-avverzjoni ghal dak kollu li hu sagru: avverzjoni ghat-talb, anke f'persuni li qabel kienu jitolbu u jitolbu bil-qalb, avverzjoni ghal xbihat sagri, id-diffikultà li wiehed jidhol fi Knisja jew jiltaqa' ma' sacerdot...ahseb u ara ezorcista! Avverzjoni ghall-ilma imbierek u anke dak kollu li hu mbierek.

Sintomu car hi l-avverzjoni ghal persuna li titlob: avverzjoni li spiss timmanifesta ruhha, anke waqt l-ewwel ezorcizmu ta' dixxerniment, fi vjolenza u aggressività straordinarja, kliem hazin u dagha minn kull tip. L-espressjonijiet isiru aktar vjolenti meta l-ezorcizmi jsiru aktar spiss...u spiss l-ispirtu hazin jibda anke jitkellem billi jinqeda bil-kordi vokali tal-persuna li fuqha jsir it-talba ta' l-ezorcizmu.

Id-dixxerniment issir billi jsiru ghadd ta' mistoqsijiet li jistghu jghinu lill-ezorcista jara u jaghzel is-sitwazzjoni preciza ghal programm li jwassal ghal fejqan u l-helsien tal-persuna. Min ikun oppress jew mahkum minn spirtu hazin jaghmel esperjenzi ta' holm ikrah, ikollu s-sensazzjoni li ma jkunx wahdu fid-dar, spiss jaghmel esperjenzi ta' fenomeni strambi fid-dar; is-sensazzjoni ta' hsejjes, ta' bibien jinfethu u jinghalqu, ta' ghamara li ticcaqqlaq; il-persuna f'mumenti qisha ikollha l-kapacità li taqra l-hsibijiet ta' l-ohrajn, tohloq speci ta' kuntatt mentali ma' persuni ohra, kuntatt negattiv spiritwali ma' persuni ohra li huma jew setghu kienu membri ta' l-istess setta satanika, ecc.

Meta wara process ta' dixxerniment l-ezorcista jasal biex jifhem li ghandu persuna oppressa jew mahkum minn spirtu jew spirti hziena, jibdew is-sessions ta' talb ta' helsien u ta' ezorcizmi fuq il-persuna. Il-fejqan u l-helsien huma garantiti mir-rebha ta' Kristu fuq ix-xitan, huma garantiti bil-qawwa ta' l-Isem ta' Gesù...anke jekk il-helsien spiss idum xhur jew anke snin biex jasal.

Anke hawn irridu nistqarru li l-helsien u l-fejqan jiddependu kwazi ghal kollox mill-impenn tal-persuna mahkuma jew oppressa: huwa l-impenn tal-konverzjoni li jitlob taghlim u katekezi, talb u sagramenti, u fuq kollox tant imhabba u mahfra u c-cahda ta' hazen, atteggjamenti ta' dnub ecc. Ghal din il-mixja ta' konverzjoni, il-persuna ma tistax timxi wahedha. Ikun jinhtieg l-ghajnuna tal-familjari, tal-hbieb u spiss anke ta' grupp ta' talb li jaghti wkoll importanza lill-katekezi. Minghajr dan kollu difficilment il-persuna tista' tfieq u tinheles.

U forsi hawn ta' min jiftakar kemm gid fil-familji u fil-hbieb jaghmel Alla li jaf jinqeda anke b'dak li jidher negattiv biex juri l-qawwa ta' mhabbtu. Stamba din? Imma l-prezenza negattiva tax-xitan, l-oppressjonijiet tieghu, Alla jinqeda bihom biex iqanqal il-konverzjoni mill-qalb, il-mahfra, l-imhabba, l-indiema, il-fiducja fiH, ecc.

L-ezorcizmi, akkumpanjati minn hafna talb ta' tifhir u radd il-hajr, jghinu hafna lill-persuni mahkuma jew oppressi mix-xitan. Ghaliex? Ghaliex l-ezorcizmi huma t-talbiet li jsiru f'isem Gesù u f'isem il-Knisja kollha biex l-ispirtu hazin johrog jew ma jdejjaqx aktar lill-persuna koncernata. Hija talba qawwija, hija t-talba li l-ispirtu ma jiflahx ghaliha u quddiemha ikollu jimmanifesta ruhu...l-aktar haga li jobghod.

F'dawn is-sessions ta' talb l-ezorcista hu mghejjun minn grupp ta' nies li jigu mitluba jghinuh fit-talb...u jghinuh b'mod partikulari meta l-manifestazzjonijiet tax-xitan huma vjolenti zzejjed. Quddiem it-talba ta' l-ezorcizmu, li spiss tista' tigi akkumpanjata mic-celebrazzjoni tar-Rikonciljazzjoni jew anke ta' l-Ewkaristija u mill-qari abbundanti tal-Kelma

ta' Alla, l-ispirtu jimmanifesta ruhu: bi kliem hazin, dagha, u billi jipprova johloq djalogu ma' l-ezorcista biex ifixkillu t-talba tieghu. Niftakru li l-ezorcista ma jiddjaloga qatt ma' l-ispirtu hazin...inkella jaqa' fil-prattika ta' l-ispiritizmu, arma ohra tax-xitan. L-ezorcista, minn ezorcizmu ghall-iehor, jimponi lill-ispirtu jghidlu kif u min dahhlu, x'inhu l-isem tieghu, u liema ser tkun id-data, il-hin u s-sinjal tat-tluq tieghu.

Mal-mixja tal-konverzjoni li l-persuna koncernata trid taghmel, flimkien mat-talba ta' l-ezorcizmu, l-ezorcista jitlob, wahda wara l-ohra, li l-persuna tinhall minn rabtiet negattivi: jekk il-persuna koncernata kellha x'taqsam mas-satanizmu, f'isem Gesù l-ezorcista jaqta' kull rabta negattiva mar-riti satanici, fosthom ir-rabta negattiva ma' sesswalità perversa, mad-droga, u fuq kollox jitlob li jkisser kwalunkwe forma ta' patt sataniku. Din hi forsi r-rabta l-aktar iebsa biex tinkisser. U hu forsi proprju ghalhekk li jkun tajjeb, qabel kull ezorcizmu, il-persuna koncernata tigi mitluba ggedded il-weghdiet tal-maghmudija u c-cahda esplicita tax-xitan, tad-dnub, u 'tad-doni' li hu jwiegħed li jaghti.

F'kazi ohra hemm rabtiet negattivi ohra li jridu jigu miksura f'isem Gesù: ir-rabta negattiva ma' persuni, mad-dipenedenza fuq droga u alokohol, ir-rabta negattiva ma' erwieh tal-mejtin, ma' riti okkulti li saru bl-ghadam tal-mejtin, ir-rabta negattiva ma' persuni li ssehh bil-mibeghda, bin-nuqqas ta' mahfra...biex tidhol il-qawwa ta' l-imhabba u l-mahfra...anke ghal min ikun ghamel id-deni permezz ta' sahta u maghmul, ghal min ikun 'talab' ghad-deni fuq il-persuna koncernata, anke jekk hu jkun membru tal-familja, tal-passat jew tal-prezent.

L-ispirtu negattiv ma jiflahx ghall-Isem ta' Gesù, ma jiflahx ghall-intercessjoni qawwija ta' Sidtna Marija, Omm Gesù, li fil-Misteru tat-Tnissil bla Tebgha taghha, sahqet ras Satana. Marija Immakulata hi l-ewwel ezorcista! Bil-merti ta' Kristu, hi kienet l-ewwel wahda li saret sinjal rejali ta' rebha tal-Mulej fuq ix-xitan.

F'Isem Gesù l-ispirtu hazin hu obbligat jghid ismu. Hu missier il-gideb u spiss jipprova jidhak bl-ezorcista b'ismijiet banali...imma bil-qawwa ta' l-Isem ta' Gesù ismu jkollu jghidu. Juri min hu lill-ezorcista, il-ministru ta' Kristu, u din hija l-ikbar umiljazzjoni ghalih u sinjal car li hu tellief u s-sinjal tal-helsien tal-persuna. X'isem ikollu l-ispirtu hazin? Differenti huma l-ismijiet, li spiss huma biblici: satana, beghelzebul, lilit, lucifru, spirtu ta' rabja, spirtu ta' senswalità, ecc.

Niftakru f'isem li tant impressjonana: 'jiena huwa dak li jaghmel dak li jrid!' Isem ezatt! Fl-ahhar mill-ahhar il-hazin, il-hazen, anke id-dnub taghna x'inhu? 'Li naghmel dak li rrid', ma nilqax il-progett ta' Alla ghal hajti.

Interessanti ninnutaw l-arroganza ta' l-ispirtu hazin fil-bidu tal-mixja tal-fejqan u l-helsien, arroganza li tinbidel f'rabbja u vjolenza; meta jibda jasal il-helsien l-ispirtu jitlob l-intercessjoni ta' spirti 'aktar qawwija minnu'; u xi kultant jitlob anke ghall-hniena ta' l-ezorcista! Mhux l-ewwel darba li jitlob li ma jintbaghatx l-infern...l-ezorcista jobbligah imur marbut mas-salib ta' Kristu ghal dejjem. Is-Salib, sinjal tar-rebha ta' l-Imghallem.

Is-sinjali ta' helsien jidhru ftit ftit: il-kapacità li l-persuna jibda aktar ikollha biex titlob, tahfer, thobb; xi kultant, skond il-kaz, il-helsien jidher anke konkretament meta l-persuna taqla' materjal - li jimmaterjalizza ruhu fil-halq u jinqala' waqt il-helsien - anke jekk spiss il-persuni jilmentaw minn per ezempju ugigh fl-istonku, f'x-ray ma jidher xejn. Il-materjal ikun generalment dak li seta' jintuza f'maghmul jew f'riti satanici jew okkulti: blades, xaghar, imsiemer, tahlit ta' materjal u likwidi, ecc.

Xi kultant is-sinjal jista' jigi mponut mill-istess ezorcista, jew hu l-ispirtu hazin li hu obbligat jaghtih. Is-sinjal jista' jkun semplici, bhalma tista' tkun kelma jew ghajta jew nifs qawwi 'l barra, jew fit inqas semplici: raptus ta' vjolenza qawwija li thalli l-persuna bhal donnha mejta.

Cert, is-sinjal tal-helsien hi l-persuna stess li thossha tinbidel radikalment, dak li persuni mehlusa jsejhu 'twelid mill-gdid'.

Il-mixja tal-fejqan u l-helsien spiss hi mixja twila...imma li f'Isem Gesù tasal ghar-rebha. Hi mixja li fiha nitolbu l-Mulej tant fidi, tama u mhabba, hafna mhabba! Hi mixja li fiha dawk kollha li jitolbu, jitolbu ghad-don tal-harsien u l-protezzjoni tal-Mulej; jitolbu ghad-don tal-perseveranza, tal-qawwa fit-tigrib, tal-kuragg u ta' rabta dejjem imgedda ma Kristu, li mieghU, biH u fiH, ahna lkoll dejjem rebbieha fuq ix-xitan u l-qerq tieghu!

Il-fejqan u l-helsien iridu jigu mharsa! Ahna nemmnu li l-persuni li jinhelsu iridu jsiru sinjal sabih tar-rebha ta' Kristu, xhieda tal-qawwa tal-Mulej bl-impenn generuz u mimli mhabba ta' hajja nisranija, specjalment f'dak li nistghu nsejhulu perijodu ta' konvalexxenza. U dan kif imdawwlin minn kliem Gesù nnifsu fil-Vangelu ta' San Luqa 11, 24-26: *Meta l-ispirtu mnigges johrog minn bniedem, huwa jmur jiggerra u jfittex il-mistrieh f'art niexfa, u billi ma jsibu mkien, jghid, 'Mela nerga' lura lejn dari u mnejn hrigt.' U x'hin jigi, isibha miknusa u kollox f'postu. Imbaghad imur igib seba' spirti ohra aghar minnu, ju jidhlu joqoghodu hemm gew u fl-ahhar dak il-bniedem isib ruhu f'qaghda aghar minn ta' qabel.*

<u>Infestazzjoni djabolika</u>

L-ahhar kelma nghiduha fuq l-infestazzjoni djabolika, jigifieri nistaqsu lilna nfusna jekk post jew dar jistgux ikunu imxajtna. Spiss, il-fenomeni strambi li hemm f'xi postijiet jew djar: hsejjes, affarijiet li

jiccaqalqu, sens ta' presenza negattiva, vucijiet, demm li johrog mil-vit u fenomeni ohra, huma mhux tant marbuta mal-post jew mad-dar, imma huma marbuta mal-persuni li jghixu hemm, in kwantu jkun hemm rabtiet negattivi ma' l-okkult, ikunu postijiet li gew 'ikkonsagrati' lil satana jew postijiet li sar xi maghmul fuqhom, jew ikunu postijiet li fihom isiru seduti spiritici, riti okkulti jew satanici, jew ikunu postijiet ta' dnub gravi. U meta hadd ma ighix f'dal-postijiet? Mill-esperjenza taghna wkoll nistghu nghidu li anke meta hadd ma ighix fihom jew m'hemmx persuni b'rabtiet negattivi, generalemt ikunu postijiet li intuzaw ghall-iskopijiet fuq imsemmija: spiritizmu, okkult, riti satanici, sfruttament tal-persuni bid-dnub, postijiet li ntuzaw ghall-prostituzzjoni, perverzjonijiet sesswali, traffikar ta' droga, ecc. Anke Satana jixtieq li jkollu l-postijiet 'sagri' tieghu, 'fejn kulhadd jaghmel li jrid'.

Ghal dawn il-kazi tkun tinhtieg il-barka qawwija tal-Mulej u spiss tghin hafna c-celebrazzjoni ta' l-Ewkaristija fil-postijiet jew fid-djar imsemmija, li f'certi kazi setghu kienu gew mishuta bid-dnub, mishuta frott il-mibeghda, jew seta' sar xi delitt fihom. U jekk jghixu n-nies, ikun jinhtieg il-barka ta' prezenza ta' hajja nisranija mghixha fid-dar. Il-barka tal-Mulej tbieghed kull presenza negattiva.

## (F) <u>Kristu, l-ahhar kelma</u>

Kristu rebbieh fuq ix-xitan, din l-isfida dejjem zghazugha, hu l-ahhar kelma taghna.

Gesù Kristu hu rebbieh anke fil prezent fuq ix-xitan. Dan ifisser li s-Saltna ta' Kristu qieghda fostna!

Ir-rebha ta' Kristu turina li Hu verament sar bniedem u ghammar fostna. Bir-rebha tieghu ahna rajna l-glorja tieghu, il-glorja li ghandu mill-Missier bhala Ibnu l-Wahdieni, mimli bil-grazzja u l-verità.

Ir-rebha ta' Kristu turina li Hu l-Haruf ta' Alla, dak li jnehhi d-dnubiet tad-dinja, id-dnubiet taghna.

Kristu rebbieh hu dak li jsejhilna ghal warajh, jaghti sens lil hajja taghna, Hu dak li jaghtina twelid gdid mill-ilma u l-Ispirtu. Hu l-ilma tal-hajja, Hu l-fejqan tal-mard taghna, Hu l-hobz tal-hajja, Hu dak li ghandu l-kliem tal-hajja ta' dejjem, Hu dak li jfejjaq l-ghama taghna, Hu d-dawl tad-dinja, Hu t-triq, il-hajja u l-verità li tehlisna, Hu r-raghaj it-tajjeb, Hu l-qawmien u l-hajja taghna.

Kristu hu rebbieh fuq id-dnub, fuq ix-xitan, fuq il-mewt.

Hu l-Imsallab, l-Irxoxt, il-Haj li jhobbna u jsejhilna bl-istess imhabba inwiegbu ghal imhabbtu.

Hu dak li habbna u li hallna minn dnubietna bis-sahha ta' demmu.

Kristu Rebbieh. Hu Rebbieh ilbierah u llum. Hu l-bidu u t-tmiem, l-Alfa u l-Omega. Tieghu z-zminijiet u l-eternità. Lilu kull glorja u setgha ghal dejjem ta' dejjem. Amen.